PJ (M26)

# Lehen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

L-ILSIEN MALTI JAGHTINA F'IDEJNA
IL-MUFTIEH TA' ŻEWĠ KONTINENTI

L-XL SENA 1971 GHADD 15

# LEHEN IL-MALTI

L-XL SENA | 1971 | GHADD 15

DAN L-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Il-Ġlieda għall-Malti Tibqa'* — G. CASSAR PULLICINO: *Poeżija mhix Magħrufa ta' Patri Cuschieri* — J. AZZOPARDI S.J.: *Il-Ktieb li Qrajt Darbtejn* — T. PRECA: *Il-"Boulevard" ta' Francis Ebejer* — P/J. CREMONA, O.F.M.: *Lid-Dejr ta' "Aqua Bella"* — F.P. MIFSUD: *Is-Seklu Għoxrin; Dwejjaq u Niket* — J. ZAMMIT TABONA: *Sebaħ Habib...* — G. MERCIECA: *Nostalġija; Il-Bejta tat-Tfulija* — A. AGIUS MUSCAT: *Strajk! Aħna Mhux Huma!; Ecce Homo!* — G. AQUILINA: *Radd ta' Hajr* — W.Ph. GULIA: *Min jaf Għaliex?; Quddiem Xbiha ta' Ġesu fit-II Esibizzjoni tal-Arti Reliġjuża* — A. AGIUS MUSCAT: *Kitba u Kittieba tal-Malti; Barra l-Ġnien ta' Eden* — A. CREMONA: *Hxejjex ta' Mediċina Popolari* — V. MIFSUD BONNICI: *Żieda ta' Kliem u Tifsir.*

## IL-ĠLIEDA GHALL-MALTI TIBQA'

IL-ĠLIEDA għall-ilsien Malti jeħtieġ tibqa' sejra sakemm il-Maltin kollha jifhmu li mingħajru aħna qisna bħan-nies maħruġin barra mill-wirt ta' misserijietna.

Il-Malti hu biċċa minn Malta u t-tnejn ma jistgħux jinfirdu minn xulxin mingħajr ma jmutu t-tnejn, bħalma ġisem imut meta jinfired minn ruħu. Aħna la qatt fhimna u lanqas nistgħu nifhmu l-ilsien Malti bħala hu biss u waħdu l-għodda tal-kultura tagħna nazzjonali. Aħna l-Malti dejjem xebbaħnieh ma' xitla li għeruqha jitħawlu fil-ħamrija ta' Malta u li, meta dina x-xitla mbagħad tikber u ssir siġra, tifrex il-friegħi tagħha sa fejn ilaħħqu. Fi kliem ieħor, aħna nemmnu f'kultura nazzjonali, bl-għeruq tagħha f'art twelidna u l-friegħi mbagħad mifruxin fuq il-ħamrija ta' kulturi oħra. Il-lingwi tad-dinja tista' tqishom bħal ħafna siġar imħawlin fil-ħamrija ta' l-istess ġnien bl-għeruq tagħhom jerdgħu t-tira mill-istess ħamrija, u kull waħda minnhom tagħti l-frott tagħha li bih tingħażel minn siġar oħra. Din it-tixbiha taqbel ħafna għal Malta. Fid-dinja mhux kultura waħda hemm, imma ħafna. Il-popli kollha għandhom il-wirt tal-ġenju ta' nisilhom. Kien ikun għajb għalina l-Maltin kieku aħna ma sibniex ir-rokna tagħna fil-ġnien kbir tal-kultura tad-dinja. Nistagħġeb ħafna b'dawk il-Maltin l-aktar il-qodma dejjem aktar iebsa, li għadhom ma daħlux fl-ispirtu ta' żmenijiet ġodda, li għadhom ma bdewx igħożżu wirt missirijietna sħiħ u bla mittiefes.

Kien hemm min ħaseb, għax moħħu ma jilħaqlux, li l-Malti jaqtagħna mill-Ewropa. Jekk hemm ħaġa li tista' taqtagħna mhux biss mill-Ewropa iżda mid-dinja kollha, hija mhux l-ilsien Malti iżda l-injoranza. Il-lum il-Malti, biex nibqgħu bl-istess tixbiħa, sar siġra li xenxlet għeruq kbar. L-għeruq jiħxienu u jibqgħu jiħxienu għax issa laħqgħet ġenerazzjoni oħra li s-sinsla tagħha hija iżjed magħquda, il-għaliex iż-żgħażagħ ħasbu iktar b'rashom milli għamlu ħafna ta' qabilhom li, għall-ħsieb jew ieħor, qdew aktar lill-barranin milli lill-Maltin. It-tama tagħna qiegħda fiż-żgħażagħ, u l-aktar fl-iskejjel fejn issa t-tagħlim tal-Malti qed jingħatalu żmien aktar minn qabel. Ma nistgħux nibqgħu sejrin nitilfu ġenerazzjoni ta' żgħażagħ waħda wara l-oħra, u fl-istess ħin nitkabbru bl-indipendenza ta' pajjiżna, meta dina l-indipendenza hija ħrafa.

Tassew battala hija l-mistoqsija li jsaqsu: "Imma bil-Malti kif ser niftiehmu ma' pajjiżi oħra? Kif sa nkunu nistgħu ninneguzzjaw magħhom?" Din il-mistoqsija sejjaħtilha battala għax ma fihiex sustanza. L-ewwel xogħol ta' kull ilsien f'pajjiżu huwa li jaqdi l-poplu li jitkellmu fil-bżonnijiet ta' kuljum u fil-ħtiġijiet artistiċi tiegħu li joħolqu x-xogħlijiet tal-letteratura bil-kelma l-miktuba fil-proża u fil-versi.

Għall-ħtieġa ta' komunikazzjoni ma' pajjiżi oħra, aħna għandna l-lingwa Ingliża li l-lum tista' tissejjaħ il-lingwa franka tal-biċċa l-kbira tad-dinja. L-Ingliż, fi kliem ieħor hu waħda mill-ftit lingwi l-kbar li n-nies jinqdew biha għall-komunikazzjonijiet internazzjonali. X'uħud għandhom il-fehma ħażina li kull lingwa oħra li jitkellmuha l-miljuni hi tajba biex wieħed jitkellem biha f'pajjiżi oħra. Dan mhux minnu. Nieħdu t-Taljan, il-lingwa ta' waħda mill-aqwa letteraturi tad-dinja; fil-kungress internazzjonali l-istess professuri Taljani jaqraw l-istudji tagħhom l-aktar bil-Franċiż, lingwa oħra internazzjonali u qatt bit-Taljan għax inkella s-sala li jitkellmu titbattal. U dan ħafna drabi ġo pajjiżhom stess. Fil-laqgħa ta' Retturi ta' l-universitajiet ta' l-Ewropa li saret Baden-Bei-Wien fit-18 ta' Novembru, 1970, żewġ lingwi biss kienu magħrufin bħala uffiċjali — l-Ingliż u l-Franċiż. Dan qed ngħiduh biex nuru li mhux il-Malti biss hu marbut mal-pajjiż fejn l-aktar hu mitkellem, imma ħafna mill-ilsna ta' pajjiżi oħra fejn jitkellmuhom mhux ftit eluf bħalna iżda miljuni.

Bħala eżempju ta' dan nista' nsemmi dawn l-ilsna: il-Bengali, iċ-Ċiniż, iċ-Ċekoslovak, id-Daniż, l-Olandiż, is-Swahili, il-Fillandiż, il-Grieg, il-Hawsa, il-Lhudi, l-Icelandik, l-Indoneżjan, l-Irlandiż, il-Ġappuniż, il-Malej, in-Norveġjan, il-Persjan, il-Pollakk, ir-Russu, is-Samoan, is-Serb-Kroat, l-Ispanjol, l-isvediż, it-Tork, l-Urdu, il-Welsh, u l-Yoruba. Minn

dawn, il-Ġermaniż hu ħafna drabi waħda mill-lingwi ta' l-istudjużi, l-Ispanjol, hu lingwa mxerrda fl-Amerika Latina u r-Russu, li l-istudju tiegħu dejjem qed tikber, fl-Ewropa huwa l-lingwa uffiċċjali ewlenija barra li fir-Russja, bħal Malti f'Malta, fil-pajjiżi kollha Komunisti.

Hekk qegħdin naraw kemm hu minnu li l-lingwa ta' kull poplu qiegħda l-ewwelnett biex taqdi lil dawk f'art twelidu u mbagħad jekk dawn jeħtieġu oħra biex jinftiehmu ma' popli akbar, jistudjaw il-lingwa barranija li jeħtieġu għal daqshekk. Iżda l-ebda poplu li jirrispetta lilu nnifsu ma jiċħad il-lingwa tiegħu jonkella jkażbarha jew iżommha taħt ilsien ieħor barrani f'art twelidu.

X'uħud minnha l-Maltin ma jurux għaqal biżżejjed meta jċekknu l-Malti biex ikabbru l-Ingliż. Biex tkabbar l-Ingliż m'hemmx bżonn iċċekken il-Malti! Ma nitkessħux u ma niġġennux! L-Ingliż għandna bżonnu kif għandna bżonn it-Taljan u l-Franċiż u, għal min isib iż-żmien, l-Ispanjol, il-Ġermaniż u r-Russu. Iżda f'pajjiżna, fejn nitiweldu, ngħixu, nikbru u mmutu, għandna bżonn fuq kollox ta' l-ilsien Malti ħalli bih nibqgħu nkabbru l-wirt tal-letteratura żagħżugħa li tagħżilna minn ġnus oħra waqt li tgħaqqadna magħhom, hekk kif il-Bandiera tagħna Bajda u Ħamra tgħaqqadna ma' ġnus oħra ċċivilizzati waqt li tagħżilna minnhom bħala poplu.

Ġ. AQUILINA

# POEŻIJA MHIX MAGĦRUFA TA' PATRI CUSCHIERI

Ta' Ġ. CASSAR PULLICINO

IL-ĠABRA tal-poeżiji bil-Malti ta' Patri A. Cuschieri li ħarġet fl-1967 bil-ħidma ta' Patri Serafin M. Abela, Karmelitan, imliet vojt li kien ilu jinħass fil-Letteratura Maltija. Il-ktieb kien milqugħ tajjeb mill-istampa, u mir-rivisti letterarji kif ukoll fl-imkejjen akkademiċi ta' dawn il-gżejjer.

Mhux il-ħsieb tiegħi f'din il-kitba li nagħmel apprezzament ta' Cuschieri l-poeta. Irrid biss inwassal quddiem il-qarrejja poeżija oħra ta' Cuschieri li ġiet f'idejja wara l-ħruġ tal-ktieb tal-poeżiji tiegħu.

Nhar il-5 ta' Lulju, 1947, jiena u ġej mill-għawm, kont iltqajt ma' Cuschieri fuq il-lanċa ta' Tas-Sliema u f'taħdita aktarx fit-tul kien tani bosta tagħrif dwar il-kitba tiegħu bil-Malti. Fost ħwejjeġ oħra kien qalli: "Għandi wkoll ħafna poeżiji fil-*Ħmar* maħruġin taħt *noms des plumes* differenti. Waħda minnhom *Lil Nurse Edith Cavell*, fil-"Ħmar"." Għal darba, darbtejn u iktar minn dak iż-żmien jiena dort bir-reqqa l-ħarġiet tal-*Ħmar* biex nara nsibx xi versi li jitkellmu minn dik in-"nurse" qalbiena li kienet issemmiet ħafna fl-Ewwel Gwerra Kbira tal-1914-19. Iżda kien kollu ta' xejn, u wara żmien qtajt qalbi għal kollox u kemm kemm ma bdejtx naħseb li Cuschieri kien qalli ħażin u ħawwad ħaġa m'oħra.

Għaddew is-snin, ħarġet il-ġabra tal-poeżiji ta' Cuschieri, u darba waħda – kien il-Ħadd fil-għaxija – kont qed inqalleb il-paġni tal-ġurnal *Ġaħan* (1915-16) u b'kumbinazzjoni fil-Għadd 170 tal-21 ta' Ottubru, 1916, jiġu quddiem għajnejja l-versi ta' poeżija jisimha *Miss Edith Cavell – Sena Wara Mewtha.* Meta qrajtha darba, darbtejn, ma fadalli ebda dubju li, għalkemm ma kenitx iffirmata, lanqas b'*nom de plume*, il-versi kienu dawk li Cuschieri kien semmieli bosta snin qabel. Il-mixja tal-vers, l-għażla tal-kliem u, iżjed u iżjed, xi ħsebijiet dwar il-gwerra li jintrabtu ma' poeżijiet oħra tiegħu, żiedu jsaħħu din il-fehma.

Cuschieri huwa wieħed minn dawk il-poeti li ispiraw ruħhom mit-taqlib u t-taqbid li ġiebet magħha l-Ewwel Gwerra Kbira. Għalkemm f'dik il-gwerra Malta ma kenitx fl-ewwel fruntiera tat-taqbid bħalma kienet fit-tieni Gwerra Dinjija, kien hawn nuqqas u għoli ta' ħwejjeġ ta' l-ikel, u Malta sfat sptar wieħed għall-feruti ta' l-Alleati li sabu l-fejqan u reġgħu ħadu saħħithom taħt is-sema kaħlani tagħna. B'danakollu, għal qalb sensitiva ta' poeta bħal Cuschieri, il-ġlied u l-qerda bla sens ta' bliet unies

ma setgħux ma jqanqlux f'qalbu u jnaqqxu f'moħħu ħsebijiet li fihom juri l-frugħa ta' filosofija aggressiva, u l-kruha brutali tat-taqbid. It-tixrid tad-demm bejn l-aħwa l-bnedmin ħallielu impressjoni mill-aqwa lil Cuschieri. Il-ħarsa tiegħu jixħetha minn din it-tikka ta' gżira fuq l-egħlieqi jħammru ta' l-Ewropa, u jitlob lill-Madonna biex tidħol Hi għall-bnedmin li qegħdin jitqatlu bejniethom, kienu ta' liema lewn u lsien kienu. Fil-poeżija *Ieqaf Magħna, ja Hanina* naqraw:

*Qalbi f'idejja*
*Omm ta' kull ħniena,*
*F'dal-ħin ta' biża'*
*Lejk nersaq jiena.*
*Nitlob li minna*
*Tbiegħed kull hemm;*
*Tħallix l-Ewropa*
*Tegħreq fid-demm . . .*

Jekk il-gwerra naslu biex inqisuha bħala kastig ta' dnubietna, frott tal-ħażen li misserijietna wirtu minn għand misserijiethom, Cuschieri jitlob lill-Madonna biex, bħala Omm tagħna l-bnedmin, tidħol Hi biex jieqaf it-tixrid tad-demm li għal sena sħiħa ħasel il-bliet u r-rħula u li messu kien biżżejjed biex naddaf dnubietna. Fil-versi *Uri li Inti Ommna* naqraw:

*. . . Nitolbu u nibku, din ħajjitna*
*minn ftit żmien ilu. Xi ġralek, Marija?*
*mhux ommna int iżjed? Ara l-bliet u r-rħula*
*kemm qed iħammru*

*bid-demm taż-żgħażagħ; isma' mal-Ewropa*
*kollha tnehida waħda; ħniena ħniena,*
*Marija! Naddaf imissu dnubietna*
*id-demm li nxtered,*

*id-dmugħ li ħareġ minn għajnejna jmissu*
*ilu li saffa qlubna minn kull tebgħa.*
*Missirijietna minn missirijiethom*
*il-ħażen wirtu,*

*u minnhom aħna. Liema ħaqq ħarisna?*
*ċaħħdu xufftejna saħansitra l-kelma*

*tiegħek, kbir Alla. Iżd'issa ilna sena*
*nibku, Marija,*

*ma baqax fina dnub iżjed. Mhux dejjem*
*mal-blat iħabbat il-baħar, mhux dejjem*
*ikrah is-sema; terġa x-xemx minn sħaba*
*toħroġ u tiddi . . .*

Fil-ħerba li ġiebet magħha l-gwerra nħasdu ż-żgħażagħ fil-fjur ta' saħħithom, sfaw battala d-djar li dari mimlija ħajja, u romlu l-ommijiet. U n-niket u l-hemm li waqa' fuq id-dinja ġieb miegħu, hawn Malta, twaqqigħ ta' valuri morali malli messejna ma' ġnus oħra li ġew fostna. Dan il-ħsieb Cuschieri jfissru sew fil-poeżija *Quddiem Marija biex Teħlisna minn dil-Marda:*

*Imtlew l-oqbra biż-żgħażagħ,*
*id-djar għoddhom battala.*
*Verġni li ġġib fuq driegħek*
*il-Ħniena liema bħalha,*

*ħares kemm hemm, kemm nieket*
*ġie fuqna għal għarrieda:*
*jibku l-aħwa lill-aħwa,*
*l-omm tibki lil uliedha . . .*

*. . . mita, mitluqa mn'Alla,*
*il-ġnus qabdu f'xulxin*
*u qtajja' ta' nies oħra*
*bdew qalbna għaddejjin,*

*Oh x'għama dik il-ħabta!*
*x'tinsija tal-warrani!*
*Daħak u mejjel rasu*
*u tkaża sal-barrani.*

*L-omm tibki lil uliedha.* L-istess ħsieb itenni Cuschieri fil-poeżija magħrufa *Fil-Milied tas-sena 1916.* Kien Milied tal-Gwerra u ma setax iġib miegħu l-ferħ ta' dari. Il-baħar ta' demm, ix-xmajjar ta' dmugħ, id-dmija ta' l-aħwa jaħkmu fuq kull ħsieb ieħor, kif jidher minn din is-silta:

*'mma l-kelma minn fommi — toħroġli bid-dmugħ,*
*toħroġ miksija — bin-niket tar-ruħ,*

*tar-ruħ li l-ġnus tara – ġo baħar ta' demm*
*jitħabtu, ser jegħ'rqu – iżommu bil-kemm.*

*Ninu Ninu tal-Milied*
*L-ommijiet jibku l-ulied . . .*

*Minn sħab abjad ileqq donnu tal-fidda*
*X'int tħares, qamar, bħal wieħed miblugħ:*
*iva rajt sewwa: mhux ilma, mhux ilma:*
*dak dmija ta' l-aħwa, dawk xmajjar ta' dmugħ . . .*

Motiv jixxiebah, tal-qamar li jifrex id-dawl tiegħu minn bejn is-siġar u bħal jitkixxef il-misteru li hemm moħbi taħt il-lapidi ta' ħajjiet żgħażagħ maħsuda ħesrem, waqt li mal-Ewropa jidwi l-biki u t-tifqigħ tal-ħerba, nsibuh fil-poeżija tiegħu bit-Taljan *Ai Caduti di Ieri*, miktuba f'Ġunju ta' l-1915, kif jidher minn dawn il-versi:

*Giacquero, e il raggio tuo di tra gli alberi*
*posavi, o luna, sovra lor palpebre;*
*spiavi notturna*
*tu forse il mistero de l'urna?*
*Non qui, non ora, ma dopo l'ultima*
*sera, su, in alto, nei puri culmini*
*sublimi del vero,*
*sapremo, o mortali, il mistero.*
*Non qui sapremo perchè a voi, poveri*
*caduti, il corpo fascio' di tenebra*
*la morte, nè vide*
*là speme che agli anni sorride;*
*le madri sole ne l'ombra, a gemere,*
*le spose, i figli che trastullavansi*
*inconsci su l'erba*
*non vide, e la mano superba*
*calò. Ma meglio, meglio nascondersi,*
*o morti, sotto la nivea lapide*
*tra faggi, che il pianto*
*udire e d'Europa lo schianto.*

F'din il-kategorija ta' ħsebijiet tidħol il-poeżija *Miss Cavell.* B'erba' pinzellati ta' mgħallem Cuschieri jurina 'l Nurse Cavell taqdi l-missjoni tagħha mal-morda u mal-feruti. Kullma xtaqet kien li ttaffi kemm tista'

d-dmugħ u t-tbatija:

*Mhux li pajjiżha jikber u jogħla*
*U jmut ħaddieħor bil-għaks u l-ġuħ,*
*Mhux dan minn qalbha xtaqet Miss Cavell:*
*Xtaqet li ttaffi kemm tista' d-dmugħ;*

*Id-dmugħ li ħareġ flimkien mad-dmija*
*Li 'r-rħula xarrbet, xarrbet l-ibliet . . .*

Naraw kif hawnhekk l-ideat jorbtu ma' dawk li qrajna fis-siltiet ta' qabel u kif, b'din ix-xhieda ġewwinija, nistgħu naslu biex inqiegħdu dil-poeżija ma' l-oħrajn miġburin fil-ktieb ta' Cuschieri.

Imma hemm ħaġ'oħra li, biex ngħid hekk, ma tħallielna l-ebda dubju dwar dan. Cuschieri nnifsu kien tassew milqut mill-ġrajja ta' din in-nurse qalbiena, li tista' tinġabar fi ftit kliem hawnhekk. Edith Louise Cavell (1865-1915) kienet laħqet l-ewwel "Matron" tal-Berkendael Medical Institute, Brussels, li meta bdiet il-Gwerra fl-1914 kien sar sptar tar-Red Cross. Fih Cavell kienet iddur bil-feruti, sew Alleati kemm Tedeski. Bejn Novembru, 1914 u Lulju, 1915 kienu bdew jaħbu xi suldati feruti Inglizi u Franċizi fix-*chateau* tal-Prinċep Reginald de Croy, ħdejn Mons, u minn hemm jeħduhom fid-djar ta' Cavell u ta' oħrajn fi Brussels, fejn dawn kienu jagħtuhom il-flus sabiex, bil-għajnuna ta' xi gwidi, jaslu sal-fruntiera ta' l-Olanda u jaħarbu minn hemm. Nhar il-5 ta' Awissu it-Tedeski arrestaw lil Edith Cavell u xeħtuha l-ħabs. Hija ammettiet li kienet laqgħet f'darha u għenet biex jaħarbu sal-fruntiera mal-200 Ingliż, Franċiż jew Belġjan. Għaddewha Qorti Marzjali fis-7-8 ta' Ottubru, qatgħuhielha għall-mewt u xkubettjawha fit-12 ta' Ottubru, 1915.[1]

Cavell sfat vittma tal-ħruxija tedeska u l-mewt tagħha kexkxet id-dinja ċivilizzata.[2] Hawn Malta saret funzjoni għall-mewt tagħha fil-Kattidral tal-Protestanti, il-Belt, nhar l-24 ta' Novembru 1915,[3] u mbagħad nhar is-Sibt, 4 ta' Diċembru, fl-Aula Magna ta' l-Università, inqraw żewġ poeżiji *Pel Martirio di Miss Cavell* mill-Professuri A. Bartoli u V. Laurenza, waqt li l-Professur A. Cuschieri għamel diskors sabiħ ħafna ta' tfakkira *Com-*

[1] Encyclopoedia Britannica, 1955, Vol. 5, p. 74.

[2] Hawn Malta kien wasal tagħrif dwar ir-reazzjoni li ġiebet magħha l-mewt ta' Cavell f'kitbiet li dehru fid-"Daily Telegraph", f'"La Metropole", fl-"Echo Belge", u fuq kollox fl-artikolu ta' M. Clemencau fl'*Homme Enchaine*, tad-29 ta' Ottubru, 1915. Ara *Daily Malta Chronicle* tat-30 ta' Ottubru u l-10 ta' Novembru, 1915.

[3] Ara l-gazzetta *Malta* tal-25 ta' Novembru, 1915.

*memorando Edith Cavell* li fih ta tifsira simbolika lil din il-qalbiena, u mill-ġrajja tagħha silet bħal tagħlima li tgħodd ukoll għaċ-ċkejkna Malta, art twelidu. Fost ħwejjeġ oħra Cuschieri kien qal hekk: "*O libertà dei popoli piccoli, per te cadde e or risorge dalle sue ceneri questa eroina, questo simbolo di grandezza civile, di carità patria, di alti sensi umanitari . . . E questo grido io sento oggi ancora risuonare per i cieli della mia patria. Poichè, signori, se Edith Cavell morì per i piccoli popoli, se questa guerra è quel che si dice una nobile santa gloriosa reazione alla forza bruta che vuol soffocare la libertà delle piccole patrie, la eroina inglese è morta anche per te, o mia piccola patria . . .*"[4]

Fid-dawl ta' dan, nistgħu nifhmu aħjar kif u għaliex Cuschieri kiteb il-versi *Miss Edith Cavell – Sena Wara Mewtha* li issa se nġibu biex bihom nagħalqu dan l-istudju tagħna.

*B'dak il-lbies abjad ma' tul ġisimha,*
*Salib fuq s'dirha, iħammar nar,*
*Hekk, b'daħka f'fommha, kienet tkun dejjem*
*Tiġri, titħabat ġewwa l-Isptar.*

*Hekk kont, ja xbejha, meta ġew fuqek;*
*Bid-duwa f'idek ħdejn il-midrub,*
*Rasek ma' rasu tkellmu ferħana,*
*Tistenna jasal il-ħin miktub.*

*Hekk rawk il-morda waqt li kont sejra*
*Ma' dawk il-kiefra qlub tal-ħadid;*
*Kemm bkew, jaħasra, kif rawk għaddejja*
*Tidħak issellem lil kull marid!*

*Mhux li pajjiżha jikber u jogħla,*
*W imut ħaddieħor bil-għaks u l-ġuħ,*
*Mhux dan minn qalbha xtaqet Miss Cavell:*
*Xtaqet li ttaffi kemm tista' d-dmugħ;*

*Id-dmugħ li ħareġ flimkien mad-dmija*
*Li 'r-rħula xarrbet, xarrbet l-ibliet,*
*Meta tal-Kajżer, bħal riefnu qawwi,*
*Il-qilla fuqek, ja Belġju, għaddiet.*

*Għaddiet u ħasdet il-fjur taż-żgħażagħ,*
*Għaddiet u qerdet knejjes u djar*

MAIN LIBRARY

[4] *Ibid*, 7 ta' Diċembru, 1915.

*Li kienu l-għaġeb tas-snajja': kollox,*
*Kollox mill-Belġju dlonk spiċċa u mar.*

*Kollox qerdulek, imsejken, barra*
*Minn ħaġa waħda, barra mill-ġieħ:*
*Quddiem l-Istorja, li għad tinkiteb,*
*Kemm kbirt, ja Belġju, Belġju sabiħ!*

*Tgħaqqad ma' tiegħek issa għal dejjem*
*L-isem ta' Cavell. Sena għaddiet*
*Sew sewwa; kienet għodwa mill-ikrah,*
*Is-Sema mċajpar mill-lew ir-rmied;*

*U, b'dik il-libsa bajda bħal qalbek,*
*Mort int għall-qatla; mort u mat-tir*
*Waqajt fl-art mejta. Qattret ix-xita,*
*U dmugħ kien donnu dak it-taqtir.*

*Qerduk bħal warda waqt li qed tiftaħ;*
*Iżd'ismek baqa', ismek idum*
*Sakemm fid-dinja tibqa' t-tifkira*
*Ta' dit-taqbida kbira tal-lum;*

*U jkun għal dejjem ismek, ja xbejba,*
*Għal min jaf jaqra ġo l-ismijiet,*
*Bħal fanal jixgħel f'lejla waħxija,*
*Bħal kewkba tiddi f'nofs is-smewwiet!*

# IL-KTIEB LI QRAJT DARBTEJN

Ta' JOHN AZZOPARDI S.J.

IL-KTIEB li qrajt darbtejn jismu *Il-Waltz tad-Dellijiet.* Dan huwa ġabra ta' mitt sunett miktuba mill-poeta Ġorġ Pisani. Ktieb ta' sunetti biss bħal dan għad m'għandna ebda ieħor fil-Letteratura Maltija. Biex nuru kemm hi ġabra ta' sunetti sbieħ biżżejjed ngħidu li dawn is-sunetti jistudjawhom l-istudenti tat-tielet klassi tal-Liċeo.

Il-bini ta' dawn is-sunetti huwa varjat ħafna. Wieħed isib sunetti Shakespearjani fuq it-tifsila abab – cdcd – efef – gg. Dawn l-aħħar żewġ versi iservu jew biex igħidu fi ftit kliem dak li jkun intqal diġà qabel jew bħala antitesi. F'dan Pisani juri ħila kbira. Fil-*Boxing* bħala antitesi jgħajjat:

*'Ma nies qed tieħu gost, tifraħ l-istess:*
*Viva s-seklu tad-dawl u tal-progress!*

Fil-*Lampi taċ-Ċimi* jiġbor f'żewġ versi dak li qal qabel:

*Hekk jorqod is-sajjied, bla flus, bla fama,*
*'ma joħlom jum ta' rxoxt, qawmien u tama.*

Is-sunetti Petrarkani huma mibnijin fuq ħafna tifsiliet. Iżda l-aktar huma mibnijin fuq it-tifsila abab – abab – cde – cde. Uħud minn dawn huma: *Xlendi, Lill-Muża* u *It-Triq.* Ta' min igħid ukoll li s-sunett *Post Bellica* huwa mibni fuq it-tifsila abab, abab, cdc, ede.

F'din il-ġabra l-poeta Ġorġ Pisani kitbilna xi ftit sunetti reliġjużi bħalma' huma *San Dimitri, Il-Kappella tal-'Quo Vadis'* u *Fiċ-Ċimiterju ta' San Kallistu.* Kitbilna ħafna versi reliġjużi għad li l-isem tas-sunett mhux reliġjuż; hekk fis-*Searchlight* kiteb:

*Tgħarrex għalxejn, għax dawl il-Verità*
*narawħ flimkien, ħabib, fl-Eternità.*

Fir-*Ramla t'Għawdex:*

*u l-Madonna fin-nofs, mimlija ħlewwa,*
*titlob sabiħa fuq id-deh'b tar-Ramla.*

Ukoll fil-*Wied tal-Lunzjata:*

*Int sirt Omm u tibqa' xebba dejjem.*

Versi oħra bħal dawn jinstabu fis-sunetti: *Il-Mewt tal-Ġilju* u *Via Appia*.

Il-Poeta kiteb ħafna sunetti fuq ix-xaqlibiet t'Għawdex, e.g. *Ix-Xlendi, Marsalforn, San Blas* u *Wied il-Għasri*. Kiteb oħrajn f'postijiet differenti tad-dinja. Il-ħdax-il sunett li jiġu wara *Vjaġġi fi Sqallija I* huma kollha ta' din il-għamla.

Ta' min igħid ukoll li f'din il-ġabra, Pisani bħas-soltu ma naqasx li jikteb liż-żgħażagħ. Anki fil-*Kelma Waħda*, ta' qabel ma jibdew is-sunetti, huwa jgħid: "nittama li dan il-ktieb ma jdumx ma jsir ukoll il-ħabib ta' l-istudjużi tal-Malti – fuq kollox taż-żgħażagħ." Il-Professur Aquilina fl-Introduzzjoni tal-*Muża Maltija* jsejjaħ 'il-Pisani bħala "Il-Poeta taż-Żgħażagħ". Uħud mis-sunetti li kiteb liż-żgħażagħ huma: *Bewsa, Għerusija, Meminisse Juvat* u *Meminisse Horret*.

Xi sunetti huma miktuba fuq l-insetti: *Lin-Naħla, Lin-Nemel, Nemusa, Lill-Brimba* u *Il-Werżieq*.

Deskrizzjonijiet sbieħ ħafna huma *Il-Wied tal-Lunzjata* u t-tliet sunetti immortali bl-isem ta' *Tliet Kwadri ta' Akkwarella*.

Sunett magħruf ħafna huwa *Il-Ħamiema tal-Kampnar*. Dan huwa sunett allegoriku u jispiċċa bil-mistoqsija retorika:

*Iqum għad il-kampnar f'għodwa ta' sliema,*
*'ma min iroddlu l-bejta u l-Ħamiema?*

Il-poeta Ġorġ Pisani jagħlaq dil-ġabra bis-sunett *Gratiarum Actio*. Dan huwa sunett tassew reliġjuż fejn il-poeta jiżżi ħajr lill-Mulej għall-ħlewwa ta' pajjiżu, il-wens ta' daru, il-ħbieb, il-frott, il-ward, l-ilma, il-weraq, il-ħut, it-tjur, il-bhejjem u x-xemx li għoġbu jagħtih. Il-Poeta jtemm b'att ta' ħajr mill-isbaħ:

*U 'fl-aħħarnett għal Oħti l-Mewt ħanina*
*li biha jiena nidħol f'ħajja isbaħ*
*u ngawdi d-dawl ta' Wiċċek għala dejjem.*

Dan il-komponiment ktibtu bħala "homework" f'April 1956 meta kont fir-raba' klassi tal-Liċeo, Għawdex, fejn is-surmast tal-Malti kien Ġorġ Pisani. Kien ħa pjaċir ħafna b'din il-kitba, u barra milli tani marka ta' 16 minn 20, li rari ferm kien jagħti, kitibli wara: "Sabiħ ħafna; nixtieqek tistampah f'xi rivista letterarja."

Din ix-xewqa ta' Ġorġ Pisani qed inwettaqha issa, tlettax-il sena wara, meta l-Professur Ġużè Aquilina, li għallimni l-Malti għal sentejn l-Università, stedinni nistampa xi kitba bil-Malti.

# IL-"BOULEVARD" TA' FRANCIS EBEJER

Ta' TONY PRECA

IT-TEATRU tal-lum huwa mmexxi minn spirtu ta' ribelljoni. Mill-kamp internazzjonali jidhru Genet u Ionesco, Beckett u Pinter. F'Malta, l-eroj ta' "Boulevard" x'aktarx li jitkellem għad-drammaturgu nnifsu meta jistqarr: "Ir-ribell dejjem artista, u artista ribell".

"Boulevard" jeżamina fi tliet atti l-ħajja metafiżika tal-bniedem universali. Dlonk, l-eroj tad-dramm, jieħu in-"Non Serviam" ta' Lucifru bħala l-għajta tiegħu, u joħroġ bħala l-ispirtu tar-ribelljoni nnifisha. Meta joqtol l-"Awtur", bħal meta Nietzche ħabbar il-mewt ta' Alla, huwa jiddikjara t-tmiem tal-valuri tradizzjonali kollha li s'issa kien iħaddan il-bniedem. Ineħħi 'l Alla minn nofs u jittanta jmexxi mingħajru.

Id-dominazzjoni tieħu post l-ordni. Mingħajr l-awtur tal-ħolqien, kollox jieqaf u jistaġna u naraw quddiemna antiteżi tal-progress. Wara xi żmien il-bniedem jingħatalu ċans ieħor, iżda hu mitluf wisq biex jagħraf il-vera tifsira ta' dan iċ-ċans. U jidher li d-drammaturgu għandu dubji kbar jekk il-bniedem għandux xi darba jgawdi l-frott tar-Redenzjoni.

Id-dramm irid jiftaħ għajnejn l-udjenza għad-dinja ta' madwarha. Għalhekk m'għandniex niskantaw wisq jekk xi daqqiet matul id-dramm l-udjenza hija indirizzata direttament, jekk mhux attakkata wkoll. Għall-bidu din tista' tidher ħaġa kemmxejn stramba għax, għal żmien twil, id-drama kienet oġġettiva u impersonali, bl-awtur maqtugħ kemm jista' jkun mixxogħol tiegħu. Iżda fid-drama tal-lum id-drammaturgu ma jippruvax jagħmel dan. Minflok huwa jaqbeż fin-nofs, biex ngħid hekk, u jirrappreżenta kemm lilu nnifsu kif ukoll l-udjenza, fuq il-palk. Hu mhux qiegħed jitkellem għall-udjenza. Qiegħed ikellem *lilha*. Biex nagħtu eżempju ta' dak li qegħdin ingħidu: Meta f'Boulevard, leħen l-"Awtur" jinstema' fuq ras l-udjenza u kollox jieqaf zobtu fuq il-palk, tinħoloq bħal "short circuit" fl-attenzjoni (s'issa oġġettiva) ta' l-udjenza. Minn dak il-punt 'il quddiem, meta l-"Awtur" ikellem lil "kulħadd", l-udjenza tkun fuq il-palk ma' l-oħrajn.

Id-dinja li naraw fil-"Boulevard" hija dinja ta' nies għajjiena, "ħajjin fil-mewt ... jew aħjar mejtin fil-ħajja ... jixxejru mar-riħ" bħal "The Hollow Men" ta' T.S. Eliot. Dinja ta' nies li twieldu mingħajr ebda xewqa li jitwieldu u jmutu mingħajr ma jridu l-mewt tiġi fuqhom. Dlonk jistaqsi lill-"Awtur" "Għaliex ġibtni hawn?" u Raoul jisħet il-mument li missieru ġabu f'din id-dinja. B'danakollu kulħadd jipprova jsib meżż biex iħalli xi

rbit warajh. Missier Raoul igħaddi lit-tifel tiegħu ix-xebh ta' wiċċu. Martiża tħaddan magħha il-ktieb ta' tliet ġenerazzjonijiet, ħolqa essenzjali mal-passat u forsi wkoll mal-futur. Dlonk, li jidher li hu estensjoni tad-drammaturgu nnifsu, juri lill-kumplament tal-karattri, kif ukoll lill-udjenza, li l-unika ħaġa li tista' żżommhom f'sikthom hija r-raġuni, u darba minnhom l-eroj-ribell jaqbeż igħajjat "Il-preġudizzji rridhom. Huma biss igħinuni ħalli nkun individwu tassew".

Mingħajr ir-raġuni, il-bniedem jispiċċa bħal pupu, u m'għandux għalfejn wieħed jiskanta wisq meta Ebejer iġiegħel l-"Awtur" igħid li huwa ħoloq il-palk għall-atturi tiegħu għax "Għidt b'dawn ser nieħu gost. Idaħħkuni qishom f'kummiedja".

Il-karattri li naraw fil-"Boulevard" mhux talli huma pupi ta' l-ispaga, iżda huma maħluqin b'ċertu mod li l-ispag tagħhom ma jitħabbel qatt. Ma jistgħu jersqu qatt lejn xulxin. Huma kollha gżejjer bl-ebda rabta bejniethom. Il-biċċa l-kbira minnhom qishom annimali feroċi, iduru fil-gaġġa tal-ħajja, lesti biex jiggranfaw f'xulxin. Kultant karattru jipprova jilħaq lill-ieħor, jew jikkomunika ma' l-oħra. Imma kliemu ma jagħmel xejn ħlief jimla' l-vojt, u jiswa biss biex jenfasizza l-kwiet bejn kelma u oħra, bejn sentenza u oħra. Id-djalogu ta' Ebejer jimxi xi ħaġa Hekk: Kwiet ... kelma, għal ftit tiżfen fin-nofs ... nerġgħu għall-kwiet. It-Tama, l-hekk imsejha Mara tal-Ward, tispiċċa biex tistqarr: "Għalfejn ngħid u nitkellem. Hadd ma jifhem. Hadd ma jifhem lil ħadd ... u ħadd ma jifhem xejn. Qisu ħadd ma qal xejn mill-bidu tad-dinja sal-lum". U f'parti oħra tad-dramm insibu dan id-djalogu bejn Ġiġi u Boris:

| | |
|---|---|
| Ġiġi: | X'hemm xi ngħidu. Għidna kollox. |
| Boris: | Għamilna kollox. |
| Ġiġi: | M'hemm xejn aktar. |
| Boris: | Xejn aktar. |

Fit-tieni att, "l-atmosfera hi waħda ta' deżolazzjoni ... u fil-bogħod jinstema' l-krib ta' volpi". L-arja tifga', u l-karattri jippruvaw "jitwessgħu", imqar igħollu dirgħajhom. Għalxejn. L-atmosfera tgħaffiġhom. Huma għatxana għall-ħelsien, ħelsien illi qatt ma jistgħu jilħqu. Il-kliem li l-karattri jużaw għal darbtejn jikkontribwixxu mhux ftit għal din l-atmosfera. Nisimgħu kliem sħun u għatxan bħal "xemx", "deżert", "ramel sħun", "sħana", "sfajra", "nixfa", "ħruq", "baħħ" u "mejjet", kliem li jġiegħlu l-udjenza tintebaħ li hi wkoll qiegħda tifga'.

Għad-drammaturgu, il-ġisem mhuwiex oġġett ta' sbuħija jew pjaċir, wisq inqas mezz għas-salvazzjoni. Huwa biss xkiel għal l-ispirtu u għar-

raġuni. Għalhekk huwa xi ħaġa baxxa u moqżieża. Il-ġisem ta' missier Raoul tisthajlu qiegħed jimmoffà u minn mument għall-ieħor se jitmermer u jaqa' biċċiet. Gregorex isib diffikulta' kbira jagħaraf jikkontrolla l-partijiet differenti ta' ġismu u meta fl-aħħar jirnexxilu jsib il-pożizzjoni li jkun qiegħed ifittex, jiġi midfun fil-fjuri, tant li jgħajjat "Qegħdin tifgawni bil-fwieħa".

Il-karattri huma ossessjonati mill-ħelsien u hemm ħafna referenzi għall-isem "Libero" (hemm xi rabta bejn dan l-isem u l-kelma Taljana li tfisser "ħieles"?). Il-preżent jobogħduh u għalhekk jaqgħu fuq il-memorji tal-passat: taż-żgħożija jew it-tfulija – memorji li m'humiex biss memorji, għax il-preżent huwa biss il-passat imġebbed, u l-preżent passat għall-futur.

Ebejer jorbot ħafna fuq is-simboli biex iwassal il-messaġġ tiegħu. Is-simboli jdaħħlu l-udjenza fil-kurżità u jtuha x'taħseb. Jekk u meta l-udjenza jirnexxilha tinterpreta simbolu, iktar faċli żżomm l-interpretazzjoni, għax tkun ġiet ippreżentata lilha b'mod konkret. M'għandniex xi ngħidu, is-simbolu fid-dramm huwa xbieha poetika, u għalhekk jista' jkollu iżjed minn interpretazzjoni waħda. B'danakollu xi simboli "diretti" bħal "barbed wire", gabuba tas-suldati, u azzarin, biċ-ċar ifissru l-jasar, waqt li l-mara li tbiegħ il-fjuri hija t-Tama. Simbolu inqas dirett huwa l-vapur tal-karti jogħla kemm kemm ma jilħquhx il-personaġġi tad-dramm. Wieħed jista jinterpreta dan bħala l-ħelsien u s-salvazzjoni li huma hekk "elusive".

Minn dan kollu jidher ċar illi "Boulevard" mhux dramm realistiku fis-sens li jurina karattri tad-demm u l-laħam f'sitwazzjonijiet familjari. Għall-kuntrarju, it-teatru ta' Ebejer jagħti l-idea tal-ħolm. Il-karattri tiegħu jitkellmu b'poeżija xejn familjari, u l-ġrajjiet ma jseħħux wara xulxin b'mod loġiku. L-isfond ta' l-azzjoni mhux familjari b'mod li għandu rabta ma' xi pajjiż jew belt partikolari. Il-boulevard tal-play hi komuni, tista' tgħid, għal kull belt u raħal tad-dinja. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għaż-żmien li fih tiġri l-azzjoni. Hlief forsi fil-kostum, m'hemm l-ebda referenza diretta għal xi żmien passat, preżent jew futur. Realiżmu kif drajna narawh fid-drammi ta' Chekhov u Ibsen ma fihiex. Fih minflok realiżmu psikoloġiku, għax jirnexxilu jesplora d-dlamijiet tas-subkonxju uman. F'dan il-proċess joħroġ il-messaġ tal-awtur. Il-messaġġ fih ħafna x'wieħed jistħarreġ, u għalkemm wieħed jista' ma jaċċettahx, xorta jkollu jammetti li fuq il-Boulevard, il-ħajja hija misteru illi għalih m'hemmx soluzzjonijiet faċli. Jekk imbagħad jasal ukoll biex iġiegħel l-udjenza tifli l-għax u l-għaliex ta' ħajjitha, dan id-dramm ikun sewa mhux ftit.

## LID-DEJR TA' "AQUA BELLA"

*O Dejr mirdum f'dal wied ta' "Aqua Bella"*
*Fis-skiet ta' din il-lejla ġejt narak.*
*Inħeba l-qamar wara s-sħab, il-kuiekeb*
*naħsibhom ġawhar jew ta' lewlu frak . . .*

*O Dejr mirdum li swarek bejn il-friegħi*
*tas-siġar qodma taħbi tal-ballut,*
*qalbi toħlom fil-jiem li għaddew minn fuqek,*
*issaqsi: "Għaliex?" . . . u tferfer . . . qiegħda tmut . . .*

*Fejn huma, o Dejr għażiż, dawk l-irhieb twajba*
*li għâxu fik igħannu lil Hallieq? . . .*
*Fil-hemda w s-skiet ta' dan il-wied ħadrani*
*jgħannu flokhom is-srasar qalb l-għollieq . . .*

*Fejn inti, "Għajn Sabiħa" ta' "Aqua Bella"*
*li kont issaqqi l-ġonna ta' dal-wied*
*u n-ngħaġ kont tisqi bl-ilma ċar ta' sidrek . . .*
*Fejn inti, Għajn? . . . kif kollox għadda w miet . . .*

*O Dejr mirdum, f'das-skiet qisni qed nisma'*
*il-kant sabiħ fil-kor ta' dawk l-irhieb,*
*nisma' l-qanpiena ddoqq il-Pater Noster*
*u nara erwieħ jitniehdu ħdejn salib . . .*

*O żmien sabiħ, o żmien mita l-Kruċjati*
*kienu f'din l-Art Imqaddsa mimlijin*
*b'imħabba, fidi w ħila, għal dak il-Qabar*
*jaqbżu qalbiena kontra l-Misilmin . . .*

*O Dejr mirdum, o knisja ta' "Aqua Bella",*
*o swali ħiemda, siġar tal-ballut,*
*hawn ħdejkom niġi dejjem biex niftakar*
*u nibki b'qalbi sewda . . . sa ma mmut . . .*

Ramle – Israel

P/JOSEPH CREMONA, O.F.M.

*Nota:* "Aqua Bella", hekk kienu isemmuh il-Kruċjati, fis-seklu XII, id-dejr tal-Benedettini, issa mirdum, li jinsab ġo wied bejn Ġerusalem u Abu-Gosh . . .

## IS-SEKLU GHOXRIN

*"Is-Seklu Għoxrin"*

*Din l-għajta nstemgħet*
*U tibqa' tidwi . . . tidwi*
*Jgħaddi ż-żmien*
*s-snin igħibu*
*iżda l-għajta tibqa',*
*għax dan hu . . .*
*s-Seklu ħelu w morr;*
*ix-xjenzat u l-artist, ġganti saru*
*u d-dinja ċkienet għalihom*
*sa l-ispazju għarrxu u rebħu.*

*In-nies raw tajra l-bogħod . . . il-bogħod*
*. . . . il-ħamiema safja*
*. . . . safja bħall-erwieħ ta' trabi*
*Iva, kienet il-wassala tal-Paċi.*
*'L-kotra għajtet "Qed toqrob!"*
*Iżda . . .*
*f'daqqa waħda bdiet tnin*
*. . . sparatura kienet instemgħet*
*u d-demm ċarċar*
*u ħammar lewnietha*
*u minn abjad sar aħmar.*
*Għalxejn il-kotra għajtet "Ftit ieħor"*
*għax it-tajra għejjiet . . .*
*ftit . . . ftit . . .*
*u l-kesħa bdiet taħkimha.*

*"Mela x'ġara?" bdiet issaqsi l-kotra*
*Instema' leħen misterjuż . . .*
*Gwerer dinjija b'demm ibaqbaq*
*Bniedem joqtol . . . lil ħuh bħalu*
*Ġlied kull fejn ħarstek titfa'*
*Strikes . . . u*
*Rewwixti . . .*
*Inġustizzji kullimkien.*

*Rajthom iqumu . . .*
*żagħżagħ kienu.*
*Qamu u ġġieldu*
*biex id-dinja issir tabib*
*tfejjaq il-ħamiema . . .*
*bid-demm tal-ġlied*
*bid-demm ta' l-inġustizzja mċappsa.*

*Hemm għadhom . . .*
*jiġġieldu għall-ħaqq u l-ġustizzja*
*iżda donnu*
*"M'hemmx paċi*
*ħlief lin-nies ta' qalbhom safja"*
*Iżda l-keffa tal-miżien*
*fejn hemm is-serq, il-qerq, il-ġlied;*
*għabbet il-keffa l-oħra*
*fejn hemm l-imħabba, l-karità, u l-maħfra.*

*Tassew dan hu s-seklu miġnun.*

10.iv.69 FRANCIS P. MIFSUD

## DWEJJAQ U NIKET

*Kemm il-lejl qomt nolfoq*
*u nibki,*
*u tqallibt*
*iżda le mistrieħ.*

*Werżaqt,*
*donnu kien qorob*
*it-tmiem għalija,*
*iżda l-lejl kien twil wisq.*

*Ħassejtni mdejjaq*
*il-ħolm sar*
*biża' għalija,*
*u le baqa' ħolm ta' tfal*
*iżda tħallat*
*mal-mewt u gwerer*
*destin u tmiem.*

2.viii.69 FRANCIS MIFSUD

## SEBAH, HABIB . . .

*Sebaħ, ħabib, il-Jum, u kollha dija*
*Ix-xemx qed tisreġ fuq il-baħar tagħna,*
*L-irbit li kien jaħkimna m'għadux magħna*
*U fostna timraħ sħiħ ir-ruħ Maltija.*

*Id-dmugħ ħa nxerrdu llum fuq dawk minsija*
*Li ħakmet b'qawwa kbira l-id setgħana,*
*Li qerdet sa bil-ġuħ, fost ix-xebgħana,*
*U saltnet fuq il-jasar, barranija;*

*Inqiegħdu fuq qabarhom il-kuruna*
*Li jirbħu biss li jmutu bi qlubija;*
*B'imħabba safja, u qima, għalenija,*
*Kburin fir-rebħ, u fit-twemmin annuna.*

*Twarrad, illum f'wiċċ l-ilma l-gżira tagħna,*
*Kburitha wkoll fil-bieraħ, b'hekk ferħana!*

---

*Waħdek, fil-ħemda, f'nofs baħar kaħlani*
*Mogħnija bl-ogħna dawl minn jiem bikrija,*
*Rajtek, Blata tal-qedem, bi qlubija,*
*Tissielet sajf u xitwa mal-barrani;*

*U rajt demmek jiċċarċar fit-taqbida*
*Fl-egħlieqi u fuq is-swar żonqrija tiegħek,*
*Xtaqt li kont hemm, naqsam ix-xorti miegħek,*
*Għax għadni nisma' d-diwi tat-tnehida*

*Mis-sider tal-ġens kbir, kburi u felħani*
*Fiċ-ċokon tiegħu għani, u fl-imħabba*
*Fuq sies waħdieni, sies li qatt ma ttabba'*
*Minn meta l-gżira warrdet f'din nisrani.*

*Jalla Malta ta' llum issib is-sabar*
*Fl-imgħoddi tagħha kburi, u fih tiftakar!*

---

*Meta niftakar fik, qassis qalbieni*
*U nara l-ġmiel u l-għerf ta' l-għanja tiegħek*
*Nitkabbar li fit-triq ħabbejtek kmieni*
*u ktieb id-dawl malajr ħabbibni miegħek.*

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

*Nibqa' narak fl-imħabba, wens tal-ħajja*
*Fil-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna*
*Fix-xtajta, fil-widien, fil-għerf bil-għajja*
*U fil-qalb ħienja minn tat-tfal daħkana;*

*Fl-egħlieqi qodma ta' missirijietna*
*U d-drawwiet tagħhom u fil-ġens qalbieni*
*Tal-gżira mxemmxa, l-omm li wisq ħabbitna*
*Fil-lwien tax-xefaq ta' filgħodu kmieni*

*Għannej nisrani, kewkba ewlenija*
*Werrej fid-dlam tal-lum, kewkba Maltija!*

J. ZAMMIT TABONA

## NOSTALĠIJA

*(Lil Erin Serracino-Inglott)*

*Inħoss bħal dieqa f'qalbi kif narakom*
*siġar għoljin, tixxenglu tul l-għadira!*
*Tfakkruni fl-għan . . .*
*Għoljin,*
*kburin,*
*ħelwin;*
*qiskom m'intomx ta' l-art, taħsbu fis-sema.*
*Tiżfnu*
*tifirħu*
*tibku*
*titkellmu ma' xulxin qiskom ta' ġewwa.*
*Tinżgħu,*
*tilbsu,*
*tbiddlu*
*bl-ilwien ta' kull staġun, il-mantar għani.*
*Inħoss bħal dieqa fija kif nilmaħkom. . .*
*id-dieqa tas-smewwiet . . . ix-xewqa t'Alla.*

6.ii.70 GEORGE MERCIECA

## IL-BEJTA TAT-TFULIJA

*(Niddedikaha lill-għażiż missieri)*

*Ħabbejtek mit-tfulija Xlendi tiegħi*
*u għadni... nibqa' nħobbok...*
*Fik sibt mistrieħ,*
*l-hena ta' qalbi!*
*L-għerien taż-żonqor,*
*l-ilmijiet ħadrana,*
*is-sema mimli dija*
*saru wisq midħla tiegħi,*
*daħlu ġo qalbi sewwa!*
*Is-sajjieda ħuti*
*joħorġu kmieni kmieni jaqbdu l-ikla...*
*imbagħ'd fl-għaxija*
*jidħlu ferħana*
*jew ftit imdejqa*
*dejjem mimlija tama...*
*Is-sajjieda ħuti...*
*nies ħelwa, twajba.*
*Int Xlendi taf ħajjithom kollha,*
*il-ġrajja tagħhom twila*
*magħġuna b'għaraq, dmija,*
*li jiktbu għodwa b'għodwa*
*bi nhar*
*bil-lejl*
*is-sena kollha!*
*Kif ix-xemx tinżel*
*u ssir ħamrani Xlendi, daqs ħuġġieġa,*
*nissaħħar*
*nifraħ bik*
*inħossok dari...*
*u tibqa' sakemm riġli jibqa' jċeklem*
*f'dinja ta' dlam, jersaq bla jaf lejn ħofra...*
*Għax inti Xlendi, l-għorfa ċkejkna tiegħi;*
*ibnek missieri hu bħax-xjuħ sajjieda;*
*inħobbok sħiħ daqskemm inħobb 'il-baħar.*
*Int tafu sewwa lil missieri:*
*Tafu żagħżugħ jistad,*

*raġel jaqbad l-għajxien;*
*elf darba rajtu*
*Xlendi,*
*joħroġ bid-dgħajsa żgħira f'nofs il-baħar...*
*Int taf sew lili wkoll, bejta ta' qalbi;*
*smajtni ngħannilek l-għanja ġdida tiegħi.*

16.ix.70 GEORGE MERCIECA

## STRAJK! AĦNA MHUX HUMA!

*Illum strajk!*
*Nieqfu mix-xogħol!*
*Nuruhom min aħna!*

*Waqfu.*
*Meddew il-għodda.*
*Il-kenn ta' djarhom insew:*
*Miġbura għall-wens barra għall-qiegħa.*
*Iħarsu biċ-ċiera lejn mnejn ħarġu,*
*Il-ħbieb fis ilkoll sefgħu għedewwa:*
*Aħna mhux Huma.*

*Sabru l-jiem u ljieli sħaħ.*
*Weqfin, l-arloġġ kollha nsew.*
*Bired id-demm;*
*ħraxet il-qalb:*
*Aħna mhux Huma.*

*Dawk min huma? X'ġara?*
*Xejn! Xejn! Xejn ħlief strajk.*

*Tħarisx lejhom: ħallihom.*
*Qishom mhumiex hemm: imxi.*

*Il-jiem karkru ...*
*Kemm għandhom x'jagħmlu n-nies!*
*Twil il-lejl ...*
*In-nies fid-djar imrekkna ...*

*Aħna mhux Huma!*

14.vii.1970 ANTON AGIUS MUSCAT

## ECCE HOMO!

*Għaddej*
*Wieħed*
*Waħdu.*

*Djar . . .*
*Ħitan . . .*
*Bibien . . .*

*Min huwa?*
*Wisq naf!*

*Ejja arah.*
*Tafu xejn?*

*Għalija sata' ma twelidx!*

14.vii.1970

ANTON AGIUS MUSCAT

## RADD TA' ĦAJR

*(Fl-Ewwel Quddiesa ta' Dun Girgor Grech)*

*Mulej, kif nibda nagħtik ħajr u ġieħ*
*Għal dak li għamilt miegħi, x'ħin għażiltni*
*Minn fost oħrajn (int taf għaliex!); għamiltni*
*Sajjied l-erwieħ mifdija? – Minnufih*
*Tlaqt kollox għal warajk; imbagħad, mistrieħ*
*Il-ġenna fawwar f'qalbi; dlonk qajjimtni*
*Għad-Dawl tal-Jum mid-Dlam tal-Lejl; qarbintni*
*B'demmek l-għażiż biex f'Emmnek nibqa' sħiħ.*

*Alla tal-ġnus, Ġesù, għajn tal-Qdusija,*
*Li tajtni s-setgħa naħfer dnub il-bniedem,*
*Inħossni żgħir fl-ewwel quddiesa tiegħi;*
*Għax x'jien ħlief bniedem dgħajjef, bin il-ħtija,*
*Bħal midinbin, għal dnubi u dnubhom niedem?*
*Biex qatt ma nittradik, kun dejjem miegħi!*

27.vi.70

Ġ. AQUILINA

## MIN JAF GHALIEX?

*(Lis-Sinjorina J. Spiteri, li ftit ilu staqsietni għaliex fl-1952 u 1953 ma ktibtx poeżiji.)*

*Niftakar li xtaqt ħafna –*
*ħafna xtaqt –*
*ninfexx fil-għana . . .*
*Imma ma ġara xejn:*
*Harġu ftit taħżiżiet ebsin*
*li ċarratt l-għada!*

*Min jaf għaliex?*
*Tassew li ma kontx Malta,*
*li kont inqalleb kotba w karti,*
*karti w kotba . . .*
*imma kont għadni jien,*
*fl-aħjar u fl-aqwa tiegħi,*
*u kont qed nara*
*kemm tassew aħna ġens għalina*
*b'dil-kelma li hi tagħna.*
*U ma kienx hemm qtugħ ta' ħsieb*
*bejn dak li kont tgħallimt u li qed nara.*

*Ġieli tani l-biki*
*magħluq f'kamarti*
*nistenna l-lehma tfeġġ*
*joż-"żnied jintlaqat"*
*u isbaħ minn Wied Qirda w Wied Inċita*
*fil-widien tagħha faret*
*ix-xmara Mersey.*

*U jekk qabel rawni waħdi,*
*"żagħżugħ ħassiebi",*
*naħrat l-artijiet maqtugħin għalihom*
*bejn is-Salib tal-Għolja u Binġemma,*
*waħdi wkoll sabuni*
*is-silġ u l-borra u x-xemx fietla w ħanina*
*fil-ġonna Marie Louise u bnadi oħra.*

*Nizzik ħajr li staqsejt;*
*imma tassew ma nafx.*

28.xi.70

WALLACE PH. GULIA

## QUDDIEM XBIHA TA' ĠESÙ
## FIT-II ESIBIZZJONI TAL-ARTI RELIĠJUŻA

*Le, mhux Hu!*
*Fejn huwa ġmielek jixgħel*
*o Ġesù?*
*Dal-wiċċ iwaħħax:*
*le ma jiġbed kotra*
*biex tistqarr 'l Alla ħaj;*
*le ma jħenn, ma jibki*
*fuq il-folla tal-midinbin;*
*ma jagħder lil magħtub;*
*ma jħobb lit-tfal iż-żgħar*
*u jridhom miegħu!*

*Ġesù mhux biss l-imħallef*
*illi jreqq għall-għelt tat-tajn imġarrab;*
*Huwa l-ħabib tal-qalb li jifhem*
*li sebgħa għal seba' darbiet*
*il-maħfra għandha toħroġ;*
*li l-bniedem tajjeb*
*seba' darbiet kuljum jogħtor mat-trejqa;*
*li wissa 'l min iħaġġar*
*ikun bla tebgħa.*

*Fejn huwa r-Ragħaj it-Tajjeb?*
*It-Tjieba illi toqgħod għall-flaġell*
*u temmen illi l-ħtija*
*hi li m'għarfux il-ħsara illi għamlu,*
*fejn hi?*

*Jew temmen illi sirna l-koll hekk ħżiena,*
*li trejqa waħda baqa':*
*naħsbuH bla ħniena?*

4.xi.70

WALLACE PH. GULIA

# KITBA U KITTIEBA TAL-MALTI

Ta' Anton Agius Muscat

Il-kitba letterarja mogħdija ta' żmien? Il-kittieba jaħlu ħinhom meta jmiddu għonqhom għal xogħol letterarju? Wara kollox, hemm rabta siewja bejn il-kittieb u l-qarrej?

Qatt staqsejt lilek innifsek mistoqsijiet bħal dawn? Nittama twieġeb 'iva': aktar u aktar jekk tħossok miġbud tħażżeż minn jeddek fuq biċċa karta dawk il-ħsibijiet li jolqtuk. Jekk tintafa' tikteb mingħajr ma taf għalxiex, ma tistax toħloq xogħol tajjeb. Ebda mgħallem ta' senegħtu ma jista' jaħdem biċċa xogħol jekk ma jifhimx sewwa xi jrid jaħdem. Barra li jrid ikun jaf jaħkem f'idu l-ewwelnett il-għodda, fuq kollox irid ikun jaf joħloq biha. L-imgħallem jaf joħloq. Hekk ukoll fil-kitba: biex il-kittieb jista' jissejjaħ mgħallem tal-arti tiegħu, jeħtieġlu jkun jaf isawwar u jagħġen kitba ħajja.

Nistħajlek tgħid, dan minn awl id-dinja. Hekk hu. U għax hu hekk jeħtieġ li niftakruh u nħaddmu l-ewlieni fl-arti. Daqqiet, fil-ġiri ta' jum wara l-ieħor, inħażżu kelma wara oħra, nimlew karti sħaħ bil-kitba, nitgħakksu bix-xogħol, u meta niltwew 'il fuq biex inserrħu daharna u naraw ix-xogħol kif inhu ħiereġ, nintebħu li xtaqnieh aħjar. Xieraq li minn żmien għal żmien induru dawra magħna nfusna. Hekk ukoll fil-kitba: trid tieqaf u tistaqsi lilek innifsek x'wettaqt u x'fi ħsiebek twettaq.

Il-kittieb ma għandux joqgħod jistenna 'l ħaddieħor igħarbel l-arti tiegħu. Dmiru jiżen senegħtu. Tabilħaqq il-kritiku qiegħed hemm, minn qaddisu, biex juri fehemtu, u jekk ikun jaf is-sengħa tal-kitba, jagħraf inaqqi s-sifa mill-qalba. B'danakollu, hu dmir ewlieni tal-kittieb iqejjes kitbietu. U jekk dan id-dmir ma jaqdihx, ma jistax irodd xogħol siewi kif titlob is-sengħa. Kull kittieb għandu jgħaddi għarbiel ix-xogħol letterarju li jħażżeż minn żmien għal żmien.

Ma nistax inniżżilha illi fejn qed tinbena letteratura, bħal dik tal-Malti, mela għandna nibqgħu nħallu kollox igħodd. Għalkemm minnu nnifsu ż-żmien igħarbel u jnaqqi l-qamħa mill-irfus, b'danakollu ma jistax ikun nibqgħu nħallu f'idejn il-mogħdija taż-żmien. Jeħtieġ li l-kittieba, wisq iżjed ta' għada, iżommu quddiem għajnejhom illi l-kitba mhix tħarbix ta' kliem. Is-sengħa mill-kittieba titlob bil-wisq aktar minn hekk. Titlob l-imgħallem: l-artist. Għax il-kittieba ta' għada jridu jibnu fuq dak ta' qabilhom, ikollna nagħtu titwila madwarna u naraw fejn ninsabu.

Qabel xejn, jeħtieġ ma nitqarrqux. Ma nagħmlux bħal dak l-iblah illi biex mingħalih juri kemm jaf, iwarrab jew jiddarras mix-xogħol letterarju Malti għax jorbot is-siwi ta' letteratura mal-kobor tal-medda ta' art fejn twieldu u għexu l-kittieba. Agħar u agħar jagħmel dak li jwarrab il-letteratura Maltija għax jidhirlu l-kittieb Malti ma jistax joħloq letteratura bi Lsien Malti. Jekk infixklu 'l-kittieba Maltin billi nqabbżu fin-nofs kwistjonijiet politiċi, u nħalltu l-arti tal-kitba ma' fehmiet politiċi, ma naslu mkien.

Il-kittieb serju jkun l-ewwel wieħed li jisma' kif jaħsibha min jaf x'tiżen l-arti letterarja. Kittieb minn qaddisu ma jibżax mill-kritika. Jekk din tkun tajba, tirqem ix-xogħol tal-kittieb; jekk tkun dgħajfa jew fqira, ma tistax ittellef fit-tisħiħ tal-kitba, għalkemm tista' titlef is-sabar tal-kittieb. Kittieb minn egħruqu jmissu jkun jaf x'jiżen ix-xogħol li jkun ta lil-letteratura ta' pajjiżu, u għandu jagħraf ifisser għaliex ħoloq dik il-għamla ta' kitba. F'kelma waħda jrid ikun jifhem tabilħaqq għaliex kiteb dak li kiteb. Jekk ma jagħrafx lilu nnifsu għax ma jifhimx lilu nnifsu, jintemm. Għalhekk jeħtieġlu l-kittieb isus fuqu nnifsu. Irid jilqa' lilu nnifsu min-nassa li jħalli idu tħażżeż ittri u tibni munzelli ta' kliem mingħajr ma l-qalb u l-moħħ imexxulu idu fi triqtha. Hawn hi l-ħsara ta' kittieb li jrid jibni kitba mingħajr sies.

Is-sies ta' kull kitba letterarja ssibha fir-ruħ li tgħajjixha. Jekk fl-arti letterarja tfittex u ma ssib xejn, qalbek tingħafas u titħassar ix-xogħol li tar mar-riħ. Ir-ruħ tal-kitba letterarja hu l-bniedem innifsu. Meta l-kittieb jikteb, jagħti lilu nnifsu. Il-kitba u l-awtur huma wieħed, ladarba l-arti toħroġ mill-ġewwieni ta' ruħu. Talanqas hekk tistennieh il-kittieb li ma jridx iqarraq bih innifsu jew b'senegħtu.

Dak il-kittieb qalbu mħeġġa u dehnu mixgħul bi ħsibijiet li jqanqlulu l-ġewwieni ta' ruħu biex ifisser lilu nnifsu f'kitba letterarja, iżda b'danakollu jistor kollox f'għamla barranija taħbilu u ttaffilu l-qawwa ta' ħsibijietu sabiex ma jagħrfux xi jġiegħlu jfiehem ruħu ma' għajru, ma jagħmilx għajr joħnoq lil ruħu nfisha li tgħajjixlu l-egħruq tal-arti tiegħu. Fi kliem ieħor, ma jistax ikun li kittieb jagħni kitbietu bil-ħajja, jekk jaħrab middinja li jgħix fiha. Anqas ma jista' kittieb iqis lilu nnifsu mwaħħad mal-ħajja kulturali ta' pajjiżu, jekk l-arti tiegħu joħroġha 'l barra mid-dawra tal-ħajja li fiha jgħix. Biex igħajjex, jeħtieġlu hu nnifsu jitgħajjex mill-ħajja li ta' kuljum jerda' minnha. Jew jifhem jew ma jifhimx il-ħajja madwaru. Jekk jifhimha: jew jilqagħha jew ibarriha, u b'senegħtu jġiegħel min iħoss qawwietu fil-kultura ta' pajjiżu; jekk ma jifhimhiex: irodd kliem u kliem biss, fid-deher ħajjin, fis-sew mejtin.

Għalhekk nixtieq nara iżjed xogħol letterarju Malti magħġun mir-radda

tal-ħajja ta' kuljum. S'issa bosta kittieba Maltin inħosshom ħarbu mill-ħajja ta' madwarhom – dik il-ħajja li għax imissuha u jtegħmuha, imisshom jifhmu – u ntefgħu biex iqallbu fil-ktieb ta' ġrajjiet mgħoddija. Qajla nista' nifhem lil dak il-kittieb illi waqt li d-dinja li jaf, iwarrabha, hu jagħmel minn kollox biex jirxoxta l-imgħoddi, dik il-għamla ta' ħajja li qatt ma jista' jkun jifhem sew jew jidħol fil-ġewwieni tagħha, ladarba qatt ma għexha jew tegħemha. Il-kittieb imissu jkun jaf jiżen qabel kollox il-ħajja li qed igħix, dik il-għamla ta' ħajja li tferraħ, tnikket, tgħakkes, terfa', tgħajjex, tifni, lilu u 'l għajru. Jekk ma jafx iqisha u jiżinha, qajla tistennieh sa joħroġ mgħallem tabilħaqq ta' dik li qatt ma għex.

Il-kittieba żgħażagħ Maltin imisshom iduru dawra magħhom infushom qabel ma jitħajru jagħtu titwila lejn il-ġrajjiet tal-imgħoddi. Bosta kittieba tal-Malti tħajru jmiddu għonqhom għar-rumanz u ħafna minnhom senslu l-qafas ta' ħsibijiet fuq xi ġrajja ta' żminijiet mgħoddija. Niftiehmu: ir-rumanz storiku jitlob sengħa daqs kull xogħol letterarju ieħor, u ma nixtiqekx taħseb illi r-rumanz storiku ma għandux is-siwi tiegħu fil-letteratura. Kellu u jibqa' jkollu. Biss, meta l-kittieba Maltin bi ħġarhom waqgħu u għadhom jaqgħu fuq ir-rumanz storiku biex ifissru ruħhom, aktarx hemm xi ħaġa fin-nofs: jew li tfisser dan kollu jew li qed tfixkel il-kittieb. Tistenna l-kittieb aktar imissu jfittex lilu nnifsu fil-ħajja ta' kuljum li qed igħix, milli jwarrab illum biex igħix il-bieraħ. Wara kollox, dak il-kittieb li ma jridx jew ma jistax joħloq kitbietu mill-ġrajjiet ta' madwaru, jew irid jaħrab minnhom, jew il-ħajja tal-lum irid ilibbisha għamla ta' ġrajja mgħoddija li ma jafhiex u anqas għexha, jew ma jistax joħloq arti minn dak kollu li mdawwar bih.

Titħassar dak il-kittieb li jrid jaħrab mill-ħajja li jgħix fiha għax ikun qed jaħrab minnu nnifsu, aktar u aktar meta l-kittieb jagħraf u jaħkem is-sengħa tal-kitba. Qajla naqbel ma' dak il-kittieb li jrid dik il-ħajja li jifhem għax igħixha, ilibbisha għamla ta' ġrajja mgħoddija, u minn fuq jħallat il-waħda mal-oħra bħallikieku kollu wieħed, aktar u aktar meta l-kittieb ma jafx x'kienet trodd il-ħajja fl-imgħoddi. Qajla tifhem dak il-kittieb illi moħħu ma jafx joħloq il-ġmiel tal-arti mill-ħajja li jgħix jew jifhem, iżjed u iżjed meta s-sengħa tgħidlu illi s-sies tal-letteratura hu l-bniedem innifsu li jimla l-ħajja u mhux il-ġrajjiet mejtin maħżużin fil-kotba tal-Istorja.

Niftiehmu tajjeb. La nixtieq u anqas fi ħsiebi mmaqdar ir-rumanz storiku. Dil-għamla ta' letteratura titlob sengħa w ħila mill-kittieb bħal kull għamla oħra ta' kitba. Iżda, il-bniedem kif inhu u ħajtu kif inhi llum imisshom iweġġgħu moħħ il-kittieba, jew nies u ġrajjiet li naqraw dwarhom fil-kotba tal-Istorja? Għala l-kittieb għandu jitħajjar ixaqleb lejn l-Istorja biex

isensel rumanz, u mhux idur dawra miegħu nnifsu u jidħol fir-ruħ tal-ħajja li jmissu jħoss mill-qrib? Għax ma għandux iħares ħarsa sew u jifli minn egħruqhom il-bnedmin li jara ta' kuljum, iwieżen ħsibijiethom u għemilhom u joħloq ġrajja ta' kif jifhimha hu dwarhom? Għax ma għandux joħroġ bi ġrajja, mibnija kif trid l-arti, illi meta jaqraha l-qarrej bla ma jrid jistqarr: 'din hi l-ħajja'? Għax ma għandux il-kittieb joħloq bnedmin tad-demm u l-laħam u tħoss għemilhom ħerqan jixxettel mal-ġrajja mfissra fir-rumanz? Għax ma għandux il-kittieb jagħżel fuq kollox il-ħajja nfisha milli jferkex fl-imgħoddi u jlibbes il-ħajja lil bnedmin li qatt ma ra jew jaf fuqhom biż-żejjed? Għax ma għandux il-kittieb jiftaqad l-ewwel lilu nnifsu u 'l għajru, u wara li ma jsibx aktar xi jgħid, idur għal ġrajjiet mgħoddija? Jekk jeħtieġlu jaqa' fuq l-imgħoddi, imissu jagħmel hekk meta b'hekk biss ikun jista' jaqdi aħjar il-ħsieb ta' moħħu.

Jekk tagħti ħarsa ħafifa ħafifa lejn il-letteratura Maltija, għandek issib li bosta kittieba Maltin għażlu l-ġrajjiet tal-imgħoddi biex jibnu rumanz wara ieħor. Hemm min minnhom taw għaqalhom lix-xogħol u ħarġu b'rumanzi miktubin tajjeb. Hemm min minnhom xtaqu r-rumanz tagħhom ikun jiswa wisq aktar minn rakkont u xejn aktar. Hemm min minnhom kellhom il-ħsieb igħallmu l-kotra tweġġaħ nies li ħarġu ta' rġiel magħhom infushom jew ma' art twelidhom. Hsieb bħal dan ma tistax twarrbu bħallikieku ma jiswa għal xejn. Anqas tista' tmaqdar lil dak il-kittieb illi daqshekk rabat qalbu mal-ġrajja ta' art twelidu illi erħilu jħaddem għaqlu jikteb rumanz storiku wieħed wara ieħor sabiex bħallikieku jaqsam ma' ħaddieħor dik il-qawwa ta' dehen tixgħel fi ħsiebu li tħallih jara l-imgħoddi bħalmeta qed jarah jissawwar illum. Ir-rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi fir-rumanz 'Nazju Ellul' ħallielna dehra mill-aqwa ta' Dun Mikiel Xerri u riedna niftakru lil dan il-qassis bħala Malti qalbieni, raġel fuq l-irġiel. Kemm bir-rumanz 'Nazju Ellul' u kemm bir-rumanzi storiċi l-oħra, jidhirli Ġużè Muscat Azzopardi xtaq igħallem lill-kotra tagħrif dwar ġrajjiet mgħoddija ta'Malta u jgħallem l-imħabba li l-Malti għandu jkollu lejn art twelidu, bħalma kellhom dawk l-irġiel imsemmijin fir-rumanzi. Ġużè Muscat Azzopardi għex u kiteb fi żmien meta t-tagħlim ma kienx wasal f'idejn il-kotra bħalma hu llum, u r-rumanz storiku kien biċċa għodda mill-aqwa biex il-kotra taqra u waqt li qed taqra tixrob it-tagħlima li l-awtur xenxel fil-kitba. Hekk ukoll, fi żmien aktar qaribna, Ġużè Aquilina ried joħloq fir-rumanz 'Taħt Tliet Saltniet' xbiha mill-aħjar tal-grammatiku Malti, Mikiel Anton Vassalli. Ried il-qarrejja jifhmu li Mikiel Anton Vassalli kien bniedem li għex u ħadem minn qalbu b'riżq Malta u l-Maltin. Mhux biss ħsibijiet bħal dawn qanqlu kittieba tal-Malti jinxteħtu għar-rumanz storiku, iżda huma l-ġrajjiet infushom li għaddiet Malta minnhom illi jaħkmu daqshekk bil-kbir fuq l-imħuħ ta'

kittieba Maltin.

Ma tistax tiċħad kif ġieb u laħaq is-seħer tal-Istorja ta' Malta. Għalkemm medda art ċkejkna, Malta trodd ġrajja mżewqa lill-kittieb ta' deħen qawwi u tixgħellu moħħu b'dehriet ħajja. Żewġ kittieba, Ġużè Muscat Azzopardi u Ġużè Galea għamlu isem bid-dammiet ta' rumanzi storiċi Maltin: tal-ewwel, aktar mixħut igħallem il-qlubija tal-Malti matul l-Istorja; tat-tieni, aktar mixħut jirqem il-paġni mejtin tal-Istorja f'paġni ta' ġrajja mirfuda f'rumanz iħeġġeġ bil-għidun u l-għemejjel ta' bnedmin minsija taħt il-kefen taż-żmien. Dan hu minnu; daqshekk ieħor dan mhux kollox. Kif Ġużè Muscat Azzopardi pinġielna lil Dun Mikiel Xerri fir-rumanz 'Nazju Ellul' mhux kif nafuh mill-pinna ta' Ġużè Galea fir-rumanz 'Id-Dinja Rota'. Hemm qabża u għażla bejn il-wieħed u l-ieħor. F''Nazju Ellul' narawh il-qassis qalbieni imexxi d-destin ta' pajjiżu, waqt li fi 'Id-Dinja Rota' insibuh bħala bniedem daħal għal biċċa ksir il-għonq qajla għal snienu. Għandna dehra waħda ma taqbilx mal-oħra. Aktar: fir-rumanz 'Taħt Tliet Saltniet', Mikiel Anton Vassalli mhux dak il-bniedem li nsibu fir-rumanz 'Id-Dinja Rota', u anqas dak imfisser minn A. Cremona fil-bijografija storika dwaru. Fir-rumanz ta' Ġużè Galea insibuh żagħżugħ aktarx jaħsibha darbtejn, bilkemm mhux ġwejjed, waqt li Ġużè Aquilina ried jagħmel minnu mexxej ta' poplu u illi għaraf iħeġġeġ iż-żagħżagħ warajh b'idejal ta' Malta Maltija, waqt li A. Cremona baqa' fuq xi trodd il-ġrajja mingħajr xniexel u żidiet, u taqra x'sab A. Cremona dwaru, ikollok tistqarr illi li kieku l-Istorja ħalletielna tagħrif miktub aktar milli ħalliet, konna nkuna nistgħu nifhmu aħjar kemm lilu u kemm x'għadda mingħalih. Għalija, ikolli nistqarr, id-dehra ta' Mikiel Anton Vassalli fir-rumanz 'Taħt Tliet Saltniet', minkejja l-awtur qatt ma xtaq jiġri hekk, għalija mhux ħlief karikatura ta' bniedem mimli ħsibijiet għoljin u mħabba għal art twelidu u niesha. Minkejja fir-rumanz insibu l-ħsebijiet sbieħ f'moħħ Mikiel Anton Vassalli, mhux ħlief 'nassies' ieħor fil-ġemgħa ta' nassiesa jiġru mas-saqajn, u biex tagħqad fir-rumanz insibuh jiltaqa' ma' patrijotti Maltin f'għar mudlam, bħallikieku tistħajlek sibt ruħek quddiem inċiżjoni ta' Gustave Doré f'edizjoni ta' *La Divina Commedia* ta' Dante Alighieri. Mhux lakemm il-kittieb jaqbad jintefa' jikteb rumanz storiku bħallikieku jista' jibnih kif irid jew jiftillu! Jew sa jraġġa' għall-ħajja l-Istorja taħt għamla ta' rumanz, jew sa joħloq minn żniedu ġrajja li għandha xebh ma' xi waħda li ġrat fl-Istorja.

Jekk mingħajr ħtieġa kittieb igħid ħaġa u ieħor jistqarr oħra dwar l-imgħoddi, ikollok taqlib sħiħ, u mal-letteratura tibda tiddeffes l-Istorja, u taqa' tqabbel waħda mal-oħra, għax ladarba r-rumanz ikun storiku, titħajjar tara fejn tispiċċa l-Istorja u fejn jibda l-awtur. Jekk ir-rumanz toqgħod dejjem ixxaqilbu u xxekklu mal-Istorja, ma naslux. Jeħtieġ il-kittieb Malti

jwassa' l-ħarsa tiegħu, jinħall minn irbit bla ħtieġa tar-rumanz storiku. Jeħtieġlu jistaqsi lilu nnifsu x'rabta hemm bejnu u bejn il-ħajja: mhux dik il-ħajja mitmuma u midfuna fl-imgħoddi, iżda dik li hu jħoss ta' kuljum madwaru. Jeħtieġlu jidra jidħol fih innifsu, u jfittex fl-egħruq ta' qalbu u moħħu l-ġrajja tal-bniedem. Jeħtieġlu jitgħallem idawwar wiċċu madwaru u jqejjes għemil għajru u jifhem il-ġewwieni ta' ħsibijietu. Irid joħloq rabta bejnu u bejn għajru. Irid igħid x'jogħġbu u x'ma jogħġbux mill-għemil ta' għajru. Irid jagħmel il-bniedem, bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu, is-sies tal-kitba li jagħraf joħloq.

Il-ħajja mhix biss l-imgħoddi: fuq kollox hi llum. Il-ħajja li ngħixu llum insibuha tkidd jew tferraħ jew tħasseb 'il-kittieba Maltin? Il-ħajja kif qed ingħixuha fiha xi tgħid dwarha qatigħ. Imissha tkun il-għajn ta' għidun qalb il-kittieba. Illum, il-ħajja f'Malta minn jum għal ieħor issawwar taqlib liema bħalu: b'danakollu tħalli l-kotra tal-kittieba bierda, qisha mhix hemm. Il-problemi tal-ħajja bħallikieku ma jilħqux 'il-kittieba! Ma jistax ikun minnu dan kollu. Li ġara hu li ma hemmx rabta bejn il-ħajja wil-kittieba. Għax il-kotra minnhom ma jfittxuhiex? Ladarba ma jfittxuhiex, anqas joħolqu rabta bejnhom u bejn il-qarrej Malti. Jiġri illi l-qarrej Malti jaħseb li l-kittieba ta' artu ma għandhomx il-ħila jiżnu l-ħajja ta' kuljum u joħolqu kitba letterarja marbuta ma' dik il-ħajja li jmiss b'idejh u jara b'għajnejh kuljum. Jeħtieġ dan kollu jintemm darba għal dejjem u l-kittieb Malti jieħu postu li jixraqlu fil-ħajja kulturali tal-pajjiż. Biex isir dan it-tiġdid, jeħtieġ tibdil ta' fehmiet.

Qabel kollox, il-kittieb irid jaħdem bis-sħiħ biex il-kitba tiegħu ma tmissx biss il-qollieba, iżda trid tferkex fil-ġewwieni tat-tfixkil li jaħfen il-ħajja. Irid la jqarraq bih innifsu u anqas b'għajru, billi jintefa' għall-kitba bħallikieku biss mogħdija ta' żmien. Biex jagħti xogħol qawwi jeħ-tieġlu jmidd għonqu jgħarbel ruħ il-bniedem. It-tajjeb u l-ħażin irid jifhmu minn egħruqu u jrid jitgħallem ifissru bis-sengħa. Irid jitgħallem iħaddem il-għodda b'sengħa ta' mgħallem. Irid jifhem li għalkemm jikteb għalih innifsu, qed jikteb għal ħaddieħor. Dan il-paradoss irid iżommu f'moħħu l-ħin kollu. Bħala artist, joħloq letteratura biex iżid f'miel l-arti; iżda ma jridx jinsa lil min irid jaqrah: il-qarrej. Irid jitgħallem joħloq ħolqa u rabta bejnu u bejn il-qarrej. Mhux biss biex il-kitba li jqiegħed quddiem il-qarrej taqdi 'l-qarrej għal mogħdija ta' żmien, iżda biex jagħni l-ġid kulturali tal-pajjiż. Bit-teftif xogħol tajjeb ma sar qatt. Għalhekk jeħtieġ li l-kittieba tal-Malti huma wkoll ikollhom sehem akbar fil-ħajja tal-pajjiż bħalma għandhom in-nies li jindaħlu għall-pulitka.

Mhux biss ir-rumanzieri: ukoll il-poeti jeħtiġilhom jidħlu wisq aktar fil-qalba tal-ħajja ta' pajjiżhom. Il-poeta aktarx jaħrab mill-ħajja kif inhi,

joħlom u joħloq dinja ta' ġmiel u hena. Minnu kemm hu minnu, il-poeta ma jridx anqas jitbiegħed mid-dawra li fiha jgħammar u jinsa l-bniedem u għemilu: kif inhu mingħajr tiżwiq u tlellix barrani. Hemm poeti Maltin mħajrin jqisu l-bniedem u għemilu, kif jafuh u jħossuh. Jeħtieġ jiżdiedu l-poeti li jixtiequ jidħlu aktar fil-għerq ta' ruħ il-bniedem. Holm u tbegħid mill-ħajja biss, ma nagħmlu xejn. Mhux ta' b'xejn il-kittieba Maltin fil-kotra tagħhom jintefgħu għall-poeżija. Igħaddili l-ħsieb illi għal ħafna t-tiftix ta' serħan fil-kitba ta' poeżija ma tfissirx għajr tħajjir għal ħarba mill-ħajja nfisha. Hawn hu l-qofol ta' kollox. Il-kittieb, kemm il-poeta u kemm il-prożatur, għandu jaħrab il-ħajja x'tagħti, jew imur b'wiċċu minn quddiem jilqagħha u jweżinha u jqejjisha bl-arti tiegħu? Jekk jibqa' jaħrab minnha, ma jistax jistenna li l-arti tiegħu tinħass fil-ħajja kulturali tal-pajjiż. Irid ikun minn ta' quddiem jidħol fil-qalba tal-ħajja li qed igħaddi minnha pajjiżu. Biex iwettaq dax-xogħol, jeħtieġ jissawru fehmiet ġodda kemm mill-kittieb u kemm mill-qarrej.

Kemm-il darba nstemgħet it-tgemgima li l-qarrej Malti qajla jfittex jaqra minn jeddu daqskemm imissu mil-letteratura Maltija. Meta fl-imgħoddi t-tagħlim kien wisq anqas imxerred mil-lum, il-Malti fittex rumanzi u kitba letterarja Maltija. Illum ukoll ifittex qari bil-Malti, l-aktar ir-rumanzi. Il-poeżija, mhux f'Malta biss, ma jfittxuhiex kif tidher stampata b'dik il-ħerqa li jfittxu rumanz. Illum, il-kotra trid qari bil-Malti bħal fl-imgħoddi. Dan hu daqshekk minnu illi l-edituri tal-gazzetti jgħidulek jagħmlu minn kollox biex jagħtu lill-qarrejja r-rumanz, imqar ftit ftit. In-nies tridu l-qari Malti. B'danakollu, il-kittieba Maltin iħabbtu wiċċhom ma' uġigħ ta' ras kbir meta jitħajru jistampaw rumanz, għax igħidulek iridu joħorġu l-flus mill-but u ma jafux jekk idaħħluhomx. L-istampa tiġi għalja u l-awtur irid jindaħal għal kollox, aktar telf minn qligħ. Li hu minnu hu li l-letteratura f'Malta ma tħallix qligħ ta' flus. Biex ktieb jimxi jrid jidħol test fid-djar tat-tagħlim. Dal-ħsieb ma jnissilx riżq lill-letteratura, anqas jaħjiha: mhux biss, aktarx qiegħed igħarraq kollox. Biex il-kitba bil-Malti tintrefa', dan kollu jrid jinbidel.

Jekk il-kittieb Malti jitlef it-tama fil-qarrej Malti, u l-qarrej Malti jibqa' ma jistenna xejn siewi mingħand il-kittieb Malti, neħlu. L-ewwel dmir jaqa' fuq il-kittieb li joħloq letteratura qawwija fil-ħsieb u sengħa. Il-kittieb ma jistax jistenna l-qarrej Malti jwarrab letteratura barranija, maħduma u maħluqa minn kittieba għal qarrejja rġiel u nisa magħmula, biex joqgħod jaqra kitba ma tlaħħaqx ma' tal-barrani. Għalhekk ma jistax ikun li l-letteratura Maltija tibqa' marbuta ma' dik il-għamla ta' letteratura tajba biss bħala qari fl-iskejjel. Dal-kliem ma jfissirx li l-kitba bil-Malti jmissha tkun biss għal idejn irġiel u nisa magħmula. Dal-kliem ifisser illi

l-kittieb Malti jeħtieġlu jitfa' ħarstu l-ewwel fuq il-qarrej imġarrab mill-ħajja u s-snin; ifittex joħloq arti li tħabbat l-imħuħ u tmiss il-qlub tal-kbar mis-snin u mit-tiġrib; irid joħloq rabta bejnu, ħsibijietu, fehmietu, twemminu wil-ħajja li jgħix fiha hu u l-qarrej. Hi l-ħajja ta' madwaru li jista' jifhem mill-qrib u din imissu jgħarbel u minnha jiġbed il-lehma għal kitbietu. Minnha jrid: jekk jaħrab minnha, jinqered.

Meta l-kittieb ifittex il-qarrej billi jaqsam miegħu l-problemi tal-ħajja, kif jifhimhom hu, tistenna li bejniethom tinħoloq għaqda ġdida, aktar qawwija minn dik li jrawwem ir-rumanzier storiku meta jikteb ġrajja li taqdi l-qarrej aktar għall-passatemp. Meta l-kittieb jidħol fil-ħajja tal-qarrej, dan jibda ma jgħaddix mingħajru, u minn jeddu jitħajjar jaqra x'għandu xi jgħid il-kittieb, kemm jekk jaqbel, kemm jekk ma jaqbilx miegħu. Biex il-kittieb jirnexxilu jidħol bla tfixkil f'dar il-qarrej jeħtieġlu jaqsam miegħu l-ħajja li qegħdin iġarrbu flimkien. Meta flimkien jaqsmu l-ħajja li ġġarrab-hom, tinħoloq dik ir-rabta meħtieġa biex wieħed iwieżen 'il-ieħor. Il-kittieb irid minn qaddisu ma' min jiftaħ qalbu, u l-qarrej ifittex il-wens fil-kitba li jqegħedlu quddiemu l-kittieb. Il-kittieb u l-qarrej Malti jeħtiġilhom joqorbu aktar lejn xulxin. Meta dan iseħħ, il-letteratura Maltija tistagħna aktar milli stagħniet.

Jannar 1965.

## BARRA L-ĠNIEN TA' EDEN

*Rajthom il-fqar?*
*X'diqa ta' qalb!*
*Dawn mnejn inqalgħu?*
*Kif huma fqar!?*

*Rajthom il-għonja?*
*Xi swied ta' qalb!*
*Dawn mnejn inqalgħu?*
*Kif huma għonja!?*

14.vii.1970

Anton Agius Muscat

## ĦXEJJEX TA' MEDIĊINA POPOLARI

*(Fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex)*

Ta' A. CREMONA

**Żejt taż-Żagħruna:** Dan iż-żejt jittieħed miż-żagħruna (ħuta tal-baħar – mill-fwied tal-ħuta taż-żagħruna) billi jħalluh iqattar fuq dugħ, imbagħad jinġabar ġo flixkun fommu daqsxejn wasa', bla tapp u bir-rixa fih (flok pinzell).

**Użu:** Meta wieħed jobrox, jew jaqta' siequ, jew jinselaħ, għand min ikun jew għand il-ġar, tarah ġej bil-flixkun, joħroġ ir-rixa biż-żejt u jqattarlu minnu fuq il-banda miġruħa.

**Il-għala l-miġruħ ma kienx jitniġġeż?:** Għandna naħsbu illi billi l-flixkun miftuħ, ġeneralment kienet titrabba l-moffa fuqu, u billi llum instab illi l-moffa (Penicillin) hija waħda mill-mediċini kontra xi infezzjoni, u l-iktar fil-korrimenti, għalhekk għandna nifhmu li dan iż-żejt bil-moffa tiegħu kien jbiegħed l-infezzjoni.

**Għaliex dan iż-żejt ifejjaq?:** Il-għaliex illum qiegħed jintuża fuq il-ġriehi ingwent bil-Vitamina D u dan iż-żejt kien ċertament imgħobbi bl-istess sostanza tal-Vitamina D – fl-istat pur. Iż-żejt taż-żagħruna barra l-Vitamina D fih ukoll il-Vitamina A u Vitamini oħra.

Dan iż-żejt kien u għadu jinxtorob sal-lum għal min hu marid b'sidru. Barra minn dan iż-żejt kienu u għadhom jidilku bih lil dawk it-trabi b'saqajhom mgħawġa (rakitiċi) jiġifieri li għandhom debolezza fil-għadam, bil-fehma li jiddewwielhom il-għadam ta' saqajhom.

Wara ħafna diskussjonijiet fuq dan it-trattament popolari, illum sirna nafu illi dan iż-żejt, (jew il-Vitamina D) jinxtorob fis-sistema tal-ġisem mill-pori tal-ġilda.

**Żiemel tal-Baħar – Hippocampus:** Dan jużawh fil-mard tal-*malaria* – (mard ta' Bona) billi jagħmluh mas-sinsla ta' dahar il-marid 3 jew 4 darbiet filgħodu u filgħaxija.

**Qamita fil-Għajn:** Jagħmlu ċ-ċurkett aħmar tal-qroll forma ta' qamita fuq il-għajn ta' min għandu l-qarnita għal xi bosta drabi.

**L-Awrina:** Il-marid ipixxi f'awrinar nadif u minnufih (a) min ikun marid b'għajnejh (infjammazzjoni konġuntivite) ixarrbulu għajnejh bl-istess awrina. (b) min jinħaraq, ixarrbulu l-ponti maħruqa.

**Għaliex kienu jfiequ?:** Għaliex illum sirna nafu illi l-*urea*, (fi trab)

isservi u llum użata fl-ingwentijiet biex tgħin ittaffi l-infjammazzjoni u fl-istess ħin biex il-ferita tagħlaq malajr.

**Il-Ħżież:** Biex tneħħi l-ħżieża kienu jieħdu ftit qamħ għand il-ħaddied, iqegħduh fuq l-inkwina u biż-żejt li joħroġ minnu fuq l-inkwina, jidilku l-ħżieża u b'hekk kienu jaħsbu li titneħħa. Illum nafu li l-qamħa fiha l-*Vitamina E* u għalkemm illi dil-Vitamina E għadha ma ġietx użata għal din l-infezzjoni tal-ġilda għandu wieħed jaħseb li l-ħżieża kienet tinħaraq bis-saħħa ta' din il-Vitamina.

**Weraq tal-Vjoli:** Għas-sogħla Konvulsiva. Jitgħallew kemm xejn ftit weraq tal-Vjoli. Issir infużjoni tal-weraq tal-Vjoli u tingħata din l-infużjoni biz-zokkor lit-tfal. Azzjoni sedativa fuq l-ispażmi.

**It-Tewm:** Kontra *s-Sicosi.* (Tinea Barba) Jaqsmu t-tewma u jħokkuha fuq it-tebgħa li jkun hemm fil-wiċċ bla xagħar.

**Il-Fejġel:** (Ruta) – L-aħjar il-Fejġel selvaġġ.

**Meta taħbat sieqek u jkollok in-nefħa minn barra:** Jittieħed iż-żejt tal-Fejġel billi tisħaq il-weraq tiegħu, jew tgħalli l-weraq u z-zkuk fiż-żejt u tidlek l-irkobbtejn bih jew ixarrbuh fil-ħall, imbagħad jieħdu tafal (abjad griż), ifarrku t-tafal, jagħmluh trab, jagħġnu t-trab bil-ħall u l-fejġel u jagħmluha ġbara fuq in-nefħa tal-ġogi.

**Użu minn ġewwa:** Tgħalli l-Fejġel f'pinta ilma u tħallih isir nofs pinta. Tixrob dan id-dekott, għar-rieq filgħodu. Iservi biex inaddaflek l-istonku, il-fwied u l-imsaren.

**Dijarrea tas-Sajf:** Jekk tieħu ftit minn din id-dekott, id-Dijarrea tas-Sajf tiqaflek, billi meta tittieħed dekott, qawwi iġġagħal lil min jieħdu jipprova ħafna azzjoni indiretta.

**Il-Fejġel:** (Infużjoni qawwija) jeħduha n-nisa biex jarmu, u din naħseb li hija effikaċi.

**Il-Lumija fid-Deni Rqiq:** Titgħalla l-lumija maqsuma tnejn. Tgħalliha f'pinta ilma sakemm issir nofs pinta. Titħalla għas-sried il-lejl kollu u l-għada filgħodu tittieħed għar-rieq, u b'dan ir-rimedju ma tistax ma tosservax l-effett tal-Vitamina C li hija tajba biex tgħin id-demm.

## ĦXEJJEX MEDIĊINALI MIĠBURIN MINN FOMM ANTONIO AQUILINA, 36, TRIQ SANTA MARGERITA, SLIEMA.

**Xewk** (polpa): Infużjoni – għad-deni rqiq.

**Buqoxrom:** Infużjoni – għat-tisfija tad-demm.

**Sfarġel** (misjur?): Biex iżomm il-fetħa.

**Ħorrieq:** (Infużjoni) – għas-sogħla.

**Fidloqqom**: Infużjoni – għas-sogħla.

**Frawli selvaġġa**: Għas-sufferjra.

**Rand**: bħala dekott għat-tisfija tad-demm u biex tegħreq mas-smid għat-tfal.

**Riħan**: trab għall-ħmewwa, u tixwit.

**Sebuqa**: applikazzjoni – għall-imsiemer u għan-nefħa biex tinqasam.

**Erba di Santa Maria**: dekott – għas-sogħla (issir karamelli) mill-ilma tagħha biz-zokkor. Igħidulha wkoll il-Ħaxixa tal-Madonna.

**Tilliera**: dekott – għat-tisfija tad-demm, tinxtorob għar-rieq. Applikazzjoni – tħoll l-egħruq u għall-feriti.

**Tursin il-Bir**: Jitgħalla għall-awrina (għall-bużżieqa).

**Sagħtar**: Iż-żejt tiegħu – antisettiku – qtari fl-imnieħer.

**Għansar**: dekott – fwied u qalb.

**Ħaxix ir-Riħ**: Tinkaljah u tpoġġih fuq is-sider u dekott għas-sogħla.

**Spacca-pietra jew Xaqq Blat**: dekott għall-mard tal-ħaġra.

**Salsaparilja**: dekott għat-tisfija tad-demm.

**Marrubja**: dekott għat-tisfija tad-demm.

**Xatbet l-Andar**: dekott għall-morliti – toqgħod fuq il-fwar.

**Xuxa tal-Qamħ ir-rum**: tgħalliha u tixrobha għar-rieq.

**Għatba (Xewk)**: l-aħjar għad-deni rqiq u kull deni. (Dekott għar-rieq).

**Klin**: dlik – taqlih niexef u tippreservah u tużah għad-dlik fuq il-feriti.

**Buqexrem**: dlik – l-istess bħall-Klin u għat-tisfija tad-demm (Infużjoni – ponot ecc.)

**Doħħanet l-art**: Dekott – tisfija tad-demm, taħsel il-feriti bl-ilma tagħha.

**Sfarġel**: għas-sabb – tgħallih u tixrob l-ilma tiegħu (ixidd).

**Ħorrieq**: Dekott – għas-sogħla u għal kull ħaġ'oħra.

**Għollieq**: Għas-sogħla.

**Qoxra tar-Rummien**: Jiżbgħu biha.

**Rand**: għas-sogħla.

**Fejġel**: Dekott – għall-ġdim jew mard tan-nisa.

**Te' ta' Malta (Te' selvaġġ)**: għax-xorb.

**Beżbula**: tisħaqha u tagħmilha fuq il-ferita.

**Mammażejża**: għal fuq il-feriti.

**Denb iż-Żiemel**: tisħaqha ecc. xorb għall-bejjem.

**Nagħnigħ**: (Is-Sur Aquilina ma tax tagħrif fuq din).

**Niġem**: Dekott – għall-mard tal-ħaġra (awrina). Ġbara tas-saba' xorta titqiegħed fuq il-bużżieqa ta' l-awrina għall-mard tal-ġebla.

# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. MIFSUD BONNICI

(*miġjub minn* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(Jaqbad ma' *Leħen il-Malti*, Għadd 14, 1970)

T

TA – *Jagħti 'l-għaġġiena*, darhom u qalbhom: "Agħġnu". "Ix-xrik tal-ħabbież ħareġ jagħti 'l-għaġġiena".
*Ta għoqda* – "Tah għoqda l-watal", ressqu daqsxejn biex iserrħu. "Kulltant il-*watal* trid tagħtih għoqda, inkella taqtgħu jew mir-ras ta' fuq inkella minn taħt iċ-*ċikk*".

TADBIN – Il-maħsba t'Alla għall-ħwejjeġ ta' din l-art kif kien minn dejjem; Providenza. *Providence.*

TAFLA – *Ħafna:* "Tgħid jiġi ħut? – Jiġi tafla!"
*Żgur:* "Tinsiex tgħidlu – Ngħidlu tafla!"

TAĦBILA – Telfa, therwila. "It-taħbila tal-qamar meta jkun sejjer iġedded".

TAĦNIK – Żegħil, imġiba ta' min jaf imur man-nies.

TAĦRIKA – Rimattiżmu, għax qisu wġigħ ġej minn xi għadma mħarrka bil-ksieħ.

TAĦŻIMA – Il-biċċa t'isfel tar-robbu ta' quddiem, jiġifieri tliet majjieri kustilja bis-sidra b'kollox.

TAJRA TA' L-ILMA – Li tħobb toqgħod lejn xi għadira, fl-imrasi. Is-summien, il-gallozz, il-gallina, it-tiġieġa tal-baħar, il-gerwiel, il-pluviera, il-bekkaċċ, il-venew, il-perniċott u dawk kollha li għandhom il-biċċa bejn subgħajhom jissejħu tajr ta' l-ilma u ma jeqfux fuq is-siġar.

TALJA – *Taqbeż barra mit-talja,* "uscire fuori del seminato".

TAMMAS – "Il-ħalib itammsuh biex jagħqad".

TANAS, JOTNOS – Iżid jagħmel u jgħid dak li ħasel qal jew laħaq beda;

issokta; jissokta b'leħħa — "inṡistere, persistere, essere assiduo ossia pertinace", "to persist". *Meta wieħed jibda jotnos jibda jil-wiem; xejn toqgħod totnos!; Jotnos biex idaħħal 'l ibnu jaħdem.*

TAQA' W ITQUM — La ħażina wisq anqas tajba wisq.

TAGHAB, TIEGHEB — Sfratta, jisfratta. *Orqod, ma rridx intiegħbek, i.e.* intajjarlek nagħsek. "Disturbare".

TAGHKIRA — Dak it-tajjar li jwaħħlu mal-*watal* wara li jidilkuh bix-xama' fejn jaħbat iċ-ċikk biex il-watal ma jinkeddx.

TAGHLIKA — Munzell. *Tagħlika ħatab.*

TAGHMIRA — Tagħmira buttuni, snien, "*set of buttons, teeth*". *Tagħmira silla.*

TAGHQIDA BAJD — Wieħed u għoxrin bajda tas-serduq, kemm tgħammar qroqqa, imqegħdin taħtha biex trabbihom u ssaħħanhom sa jofqsu.

TARA, JITRA — *Titra l-art*, jiġifieri titqawwa.

TARAD, JITROD — Dejjem, sikwit irid jew jitlob bil-leħħa.

TARTAR, ITARTAR — Ġama', tiġma' ħafif.

TÀSA — Biċċa merfugħa mill-għaġin mitlugħ biex jagħġnu l-ħmira biha.

TAWWAT — Żarżir bil-qarn, bil-bebbuxu jew bit-tromba; *tawwit*, "clangore".

TBAGHRID — Tifqigħ ta' raba' bl-ilma bħal għassara; it-tħammiġ tal-bhejjem bħal fi stalla, meta jkun djubi ma tistax tidħol tirfes.

TBASKAT, TITBASKAT — Miet, tmut.

TBATTA, JITBATTA — Waqa', jaqa'. *Kont għoddni tbattejt fl-art.*

TBIQ — Temp magħluq jew ajru fgat, aktarx jiġi minn sħab baxx li jagħlaq l-arja. *Jinfetaħ it-tbiq u toħroġ l-għomma.* "Close weather".

(T) DELLEL, JIDDELLEL — Waqa' għal dahru jew baxx, waqa' dell fuqu, ġie x'jiksru. *Li ma kienx għax iddellet dik ix-xebba ma żżewġitx lil min iżżewġet*, i.e. kienet tieħu raġel aħjar.

TEFTIFA XOGHOL — "job".

TELGHA — Stanga biex itellgħu l-btieti fuqha.

TEMP — *Temp maqlugħ*, mhux qiegħed. "It-temp għadu maqlugħ". *Bit-*

*temp*, bil-qies, bil-qajl u r-riegla, "moderatamente". *Raġel ta' temp*, "uomo attempato".

TERDI – bċejjeċ tal-flus qodma tal-fidda, xi d-daqs ta' l-ewwieq.

TENTUFA – Ħaġa żgħira.

TERHA (GHAD-DRIS) – bi kliem ieħor, għata taż-żara' għad-dris jew iż-żara' kollu tal-qiegħa mhejji għad-dris; jew tiben u qamħ imħallat ma' xulxin għad mhux imderri. Mela hemm terħa għad-dris u terħa għat-tidrija. *Terħa għall-madbaħ* – "cloth for altar".

TERRET, JTERRET – Jitilqu l-ilma fl-art niexfa u ġa mikduda biex issir ratba; jew issaqqi r-raba' biex iġġibu tieri u ma ssibux iebes fix-xogħol. *Qegħdin iterrtru fil-bagħli biex meta jiġu biex jaħdmuh isibuh xott sabiħ sabiħ.*

TFARWAT – bħal far, tala' d-demm għal wiċċu.

TEWQIMA – Gozz, magħmul minn tiben sifa, trab u qamħ fuq il-qiegħa, imhejji biex jinħadem bil-luħ.

TEWWIKK – Kewkba baxxa mill-magħżulin, u waħda mill-bdotijiet tas-sajjieda tagħna, li tiġi ġo Nofs in-Nhar-il-Lbiċ. "*Aqdef għat-tewwikk, dejjem pruwa għalih!*"

TFIEDA, JITFIEDA – Ħallielu rebħ jew qliegħ minn xi biċċa xogħol jew bejgħ li wieħed jagħmel. *Kif tmorru mas-suq? – Kemm kemm wieħed jitfieda!*

TĠELBEN, JIĠĠELBEN – Tqawwa, jitqawwa nitfa. *Beda jiġġelben issa daż-żiemel.*

THENDIM – *Thendima qawwija ta' terremot jumejn wara l-ewwel tbeż-biża.*

THABAT, JITHABAT – Għamel, jagħmel id-dawra tad-dar: *Dejjem id-dar titħabat.* Irraġġa, jirraġġa: *It-tfal dejjem jitħabtu.*

THAJNI – Tagħam mitħun. *X'għamilt minn tomna tħajni?*

THALLAQ, JITHALLAQ – Ixxennaq, jixxennaq għal kull ma jara; tħajjar, jitħajjar minn kollox, jew minn xi ħaġa għax ibati bix-xewqa, bħalli-kieku tara min jiekol u titħallaq għalih; titħanxel jew tinnamra. *It-tfal jitfarfru u jitħallqu.*

THANNEK, JITHANNEK – Daħal, jidħol ħelu bħal min jagħmel ta' wiċċu rqiq jew mistħi, fil-kliem, jew f'dik il-ħaġa li jkun jixtieq, jew jagħmel wiċċu biex jindieħes man-nies fejn irid xi ħaġa. *Min jitħanniklek ikun ħtieġek; Kemm tħannek taqla'.*

THATA, JITHATA – *Is-sħab jitħata* (jew jintgħata). Qawl it-tbaħħir, jiġifieri jogħla mix-xefaq: *Mal-lejl is-sħab jitħata.*

TIBWIQA – Ħaġa fiergħa, vojta, impaħpħa. *Il-baqqun għamel ħoss imtaptap*: għedna: "*Hawn haw' tibwiqa.*" *Tibwiq*, il-wisa' mejjet lilhinn 'il fuq mill-balla ta' l-ajru. "Il vacuo", "The vacuum".

TIDRIJA – *għandi għalqa mejta għat-tidrija: li kien iqum riħ fuq!*

TIEB – Bnazzi. *Ħmura waqt tax-xemx l-għejieb juri illi ġej it-tieb.*

TIELA' – *Bit-tiela' w in-nieżel*, wara ħafna tiġbid, 'l hawn u 'l hinn, 'il fuq u 'l isfel, wara qatigħ tbaqliq.

TIĠBID – *Ġild il-muntun bit-tiġbid jibjad; Bit-tiġbid tieħu xi ħaġa rħisa.*

TIMBU TIMBU – Għalih. "Tutto solo", "All alone". *Mar qagħad f'rokna timbu timbu.*

TIMLIQ – Tifħir baxx u barra mill-qies biex jimla r-ras; tifħir fieragħ u qarrieq. "Adulazione", "Flattery".

TIN – *Tin tal-bajtar*, boton ta' frott li joħroġ mis-siġra tal-bajtar, wara l-bajtar; *tin żibdi*, mill-abjad; *tin tal-ġludi*, minn dak l-iswed. "It-tin tal-ġludi ġiebu f'Malta wieħed Sultan".

TINHIL – Fejn il-ġebla ma tkunx għax tkun ratba u mkesksa. *Ġebel bit-tinħil mhux ġebel ħaddiem.*

TIRA – It-trab ta' għalqa li jidher niexef fil-wiċċ u minn taħt ikun imniddi.

TIRX – ġebel kbir.

TIRXA – Blata sbozza, biċċa blat kbira, blata kbira skapulata għaliha, xifer ta' blata żmarrata.

TISQIJA – Dqiq maħlul fl-ilma biex jisqu, i.e. bħal jillamtaw ix-xoqqa ta' Malta.

TISWIB – *Għamilt tiswiba żejt.*

TITRIT – Tluq ta' l-ilma f'art bagħlija li għadhom kemm ħadu wiċċ (bħal-

kieku silla) minnha biex irattbuha u wara jiżirgħu.

TKERĊAH, JITKERĊAH – Sar, isir imkerċaħ, jiġifieri bil-kemm jimxi, bħal min għadu jqum mill-marda. Baqa' jew mar lura fis-saħħa, fil-kobor.

TKEJJEF, JITKEJJEF – Xorob, jixrob bil-kif: *Bqajna ġol-ħanut u tkejjifna* i.e. xrobna sewwa.

TKITTEN, JITKITTEN – Isir irqiq bħall-kittien, jiġi rqiq. *Jekk tiżra' sfiq is-sbul jitkitten u ma jferraħx.*

TLEWWAQ, JITLEWWAQ – Inkiser: *Il-għarajjes kienu tlewwqu għal disa' xhur.*

TMESLAH, JITMESLAH – Tħakkek, jitħakkek: *Doli titmeslaħ miegħek'.*

TMASHAN, JITMASHAN – Mar saħan; sejjer jisħon jew jitfettet sikwit.

TMALLIT – Ċewliħ bil-ħjiel tat-tkasbir miegħu: *Xi tmallit miegħi!*

TMEGHIKA – Is-sodda, bħallikieku fejn wieħed jitmiegħek.

TNEWWEB – *Ir-raba' meta jitnewweb (tħallih mistrieħ kull tant żmien, bil-qies) jagħmel.*

TAQTAQ, ITAQTAQ – Niżel, jinżel b'dak il-ħoss irqiq bħal ilma minn flixkun b'fomm irqiq. It-taqtieq donnu mhux qawwi daqs it-tbaqbieq. "To gurgle as water from a flask".

TOMNIJA – It-tomnija jibdew jiżirgħuha f'Diċembru; f'erbat ijiem tinbet u f'erbgħin issebbel. *It-tomnija sa Santu Mattija la hi mwaħħra anqas bikrija; Għal San Mattija iżra' t-tomnija.*

TOFFA – Dik id-daqsxejn ta' riħa li tkemmex l-imniffsejn, aktarx tagħti fil-qrusa, li jitfgħu xi ħwejjeġ li ma jibqgħux safja. *It-toffa tal-ħasil tal-qamħ tagħmel in-nemus.*

TOPPU – *Toppu genejxu*, żgħir imkittef.

TQADDEB, JITQADDEB – Ibbies, jibbies bħal qadib. *Subgħajja tqaddbu bil-ksieħ; xufftejha tqaddbu bit-Tramuntana*, i.e. jixxaqqu bis-sirda u jaħarquha.

TORĊMUN – Ruxxmata. *Għandha torċmun tfal.*

TKAFKAF – Nafar u qajjem rixu bħas-seqer.

TPERĊAH, JITPERĊAH – Intelaq, jintelaq.

TORPIJI – Sħab tas-sajf mislufin minn Barbarija li jaqilgħu r-riħ imma ma jagħmlux xita, u jekk jagħmlu bħal ferħ rah (*sic*).

TMALLIT – Ilbies, tlibbis kif ġie ġie.

TQAJJAR – Il-ħwejjeġ jitqajru meta jkunu nofs inxief: kemm kemm qatgħu l-ilma u għadhom nedjin.

TQARQAĊ, JITQARQAĊ – Tqawwa żżejjed, tbaskat. *F'Mejju d-demm jitqarqaċ u l-fsada f'waqtha.*

TQARNAS, JITQARNAS – Hasibha u tbażża' bħal min ma jridx jeħel bil-qatta jew iħallas il-laħam.

TQARTAF – *Iqartaf mustaċċih bi snienu; Iż-żrafa tqartaf il-qċaċet ta' l-ogħla siġar.*

TQAWWAS, JITQAWWAS – Tellgħet, ittalla' daharha 'l fuq il-bhima, issir bħal qaws biex titmattar jew għax ikun. *Il-bhejjem kollha jitqawwsu, l-iktar il-qattus u l-gendus.*

TQAXLEF – Talla', ittalla' bħal qxur. *Iż-żarbun qiegħed jitqaxlef; Ix-xita qaxilfet l-art.*

TRENTA – Bħal imqass semmieni, duda li tgħix taħt l-art u titrabba bl-indewwa; issibba fil-qasbija. Tigdmek trenta jaqbdek id-deni, u jtaffuhulek dari billi jxejjruk ġo nieqa biex tħaddem id-demm.

TREQRIQ – Li wieħed jieħu l-ħaġa bil-qajl u jtawwal iż-żmien f'dak li jagħmel.

TRINKA – Taħfira bil-furmatur magħmula mill-mastrudaxxa biex jingasta. *Dawk li jaħdmu fil-bastimenti flok tagħmel trinka jgħidu tagħmel paxxma.*

TSANGIT – Aġġorni.

TSEBBAQ, JISSEBBAQ – Fettex, iffittex jidħol l-ewwel; iffolla, jiffolla biex jgħaddi lill-oħrajn; tafa' rasu biex jisboq lil sieħbu. *X'inti tissebbaq?* i.e. X'għaġġla għandek?

TSIEFAH, JISSIEFAH – *Jisfaħ sikwit,* tgħaddi u tarġa' tgħaddi spiss minn triq waħda, bħal xi ħadd għall-maħbuba ta' qalbu; tiskariġġa; tippassiġġa. "To hover about".

TTIBBEL (ITTIBBEL), JITTIBBEL – Iċċajpar.

TUDUN – Ħamiem salvaġġ kbir, mhux tal-barr.

TUFFIEĦA – Fil-ktir *tfiefaħ*.

TUĠUN – It-tieni biċċa tal-musrana rqiqa fejn issir il-bajda; it-tnissil tal-wild; dak li jkun fih it-tarbija. *Il-baqra tewmija aktarx ma tgħammarx għax bla tuġun.*

TWEJQA – (i) Tieqa żgħira (ii) Uqija b'tifsirha mċekken; *għaxar twejqiet* flok *għaxart ewwieq.*

TURIB jew TWARRIB – Li wieħed iwarrab. "Removal".

TGHAN – Xabla, xablott.

TGHANQAD, JITGHANQAD – Sar, isir għenieqed. *Il-larinġ meta jitgħanqad irodd.*

TQASSAM – Jitqassmu familja familja (għjiel għjiel)u jinġabru għalihom. Il-ferħ tan-naħal malli joħroġ mill-ġarar jibda jżanżan iżanżan u jmur (jitqassam).

TUQQALA – Ir-rota tal-magħżel li jagħżlu bih.

TWIEL – Ħabat moħħu, ma jibqax miġbur; ħabat jiġġennen.

TWIKKA – *Kulħadd twikka,* jiġifieri kulħadd xteħet jorqod. *U twikkew,* i.e. imteddew.

TŻAMBAR, IŻŻAMBAR – Mela, jimla tajjeb; tala' bi tlieta jew erba' saffi. *It-tgħam jekk ikollu x-xita jiżżambar.*

## U

U KOLLOX – Ġa, diġa, u l-aħħar. *Kont u kollox sejjer nitlaq biex immur nistad bil-mitlaq.* L-*u* xi drabi tidher bħal ħaġa żejda biex timla u ssebbaħ. *In-ngħaġ tmut u wieqfa.*

UDIENI – Bċejjeċ tar-raddiena, tal-ġild jew tar-rix b'ċarruta mdawwra magħhom imdaħħlin waħda f'kull waħda mill-*għarajjes* biex fihom jidħol iż-żerżur.

URIEK – pl. ta' wirk. Għandi wraki juġġgħuni jew maħlulin.

W

WAHAM – Xewqa mġenna għal xi ikel.

WAHDA – *Kull waħda bi tnejn*, kull ma jmur itenni. *Issa s-sħana tax-xemx tibda kull waħda bi tnejn*, "Adesso il calore del sole procederà con proporzione geometrica". *X'waħda din!*, għajjât ta' biża' jew ta' għaġeb: *X'waħda din, waslet id-dagħwa tiegħu!*

WAQA' – X'naqa' u nqum! i.e. x'jimpurtani!

WASLA – Biċċa tal-moħriet; tkun għuda twila titwaħħal fil-*madmad*.

WATAL (jew WATAR) – Biċċa għodda tad-daqq tat-tajjar. Dak il-ħabel magħmul minn daqs għaxra jew tnax-il musrana tal-bhejjem li jkun mistringut mal-*lasta* u jagħtu fuqu biċ-*Ċik*. L-itjeb li jkun tal-għens salvaġġ.

WEJDA – Mnejn taqbad ir-raddiena biex iddawwarha.

WERREK, TWERREK – Qala', jaqla' wirk wirk biex jimxi; idum biex jaqla' kuxxtejh, għalhekk tqil fil-mixi; ikerċaħ biex jimxi, għalhekk ftit zopp. *Mara ħoxna mdaħħla fiż-żmien għaddejja twerrek; Il-fniek iwerrku.*

WIĊĊ TAR-RABA' – Il-miżrugħ li jkun tala' fil-wiċċ mill-ħamrija 'l fuq; kull ma jkun qiegħed jitrabba u jikber fir-raba'. Il-wiċċ tas-sajf qisu: qara' twil, bħajra, qamħ, żara', kemmun, ħlewwa. Il-wiċċ tax-xitwa, li jitrabba fix-xitwa, qisu: indivja, pastard, kaboċċi, patata, ġdur, ravanell, basal aħdar, zfunnarija, ful, piżelli, qara' bagħli, għal dak li hu ħxejjex, u silla widna, kuċċarda, gilbiena, għal dak li hu ħxielef. Il-wiċċ tas-sajf irid ix-xemx u tax-xitwa l-ilma.

WITET – Għuda mwaħħla mal-ħajt ma' hiex iddendel il-ħwejjeġ, spalliera. Fil-ktir *utieti*: żewġt utieti.

WIXX – Fih wixx: ironically, meaning "he is an undesirable".

WIŻEB, JIŻEB – niżel, jinżel mill-miżieb, bħal ilma minn fuq bejt, kafè ta' mitħna.

WQATT (megħmil) – Sħiħ. Bħalkieku titkellem fuq il-bajtar, tgħidlu lil sieħbek: *Ma tekolx waħda wqatt!*

(FADAL)